



OPINJONI NRU 05/2009

TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

tal-15 ta' Diċembru 2009

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE)
Nru 2042/2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u
prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta'
organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol**

"Il-privileġġi tal-liċenzji B1 u B2 tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru

U

Il-klassifikazzjonijiet tat-tip u l-grupp

U

It-taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip"

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni li temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003¹. Ir-raġunijiet għal din l-attività ta' regolamentazzjoni huma deskritti hawn taħt.
2. L-Opinjoni kienet adottata, b'segwitu tal-proċedura speċifikata mill-Bord² tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (l-Aġenzija), skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008³ (ir-Regolament Bażiku).

II. Konsultazzjoni

3. Għalkemm ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 diġà jstabbilixxi fl-Anness III (Parti-66) tiegħu, sistema ta' ħruġ ta' liċenzji għall-persunal li jiċċertifika, il-feedback li wasal mill-partijiet interessati u l-awtoritajiet nazzjonali indika l-ħtieġa ta' analiżi ta' dan ir-regolament fl-ambitu tas-suġġetti li ġejjin:

- Il-privileġġi tal-liċenzji B1 u B2 tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru.
- Il-klassifikazzjonijiet tat-tip u l-grupp.
- It-taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip.

It-tħassib speċifiku rigward kull wieħed mis-suġġetti huwa dan:

Il-privileġġi tal-liċenzji B1 u B2 tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru:

4. Attwalment fir-Regolament (KE) Nru 2042/2003, l-Anness III (Parti-66), il-privileġġi assoċjati ma' kull kategorija tal-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru huma deskritti kif ġej:
- Liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tal-kategorija A tippermetti lid-detentur li joħroġ ċertifikati tal-ħruġ għall-użu wara manutenzjoni tal-linja skedata minuri u r-rettifika ta' difetti sempliċi fil-limiti tal-kompiti approvati b'mod speċifiku fl-awtorizzazzjoni. Il-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikunu ristretti għax-xogħol li d-detentur tal-liċenzja jkun wettaq personalment f'organizzazzjoni tal-Parti-145.
 - Liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tal-kategorija B1 għandha tippermetti lid-detentur li joħroġ ċertifikati tal-ħruġ għall-użu wara manutenzjoni li tinkludi l-istruttura tal-inġenju tal-ajru, l-impjant tal-enerġija u s-sistemi mekkaniċi u tal-

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, pġ. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1056/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 (ĠU L 283, 28.10.2008).

² Id-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tikkonċerna l-proċedura li trid tkun applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Ċertifikazzjonijiet, Speċifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida. L-EASA MB 08-2007 tal-11.06.2007 ("Il-Proċedura tar-Regolamentazzjoni").

³ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, pġ.1).

elettriku. Il-bdil ta' unitajiet tat-tibdil ta' linja avjonika, li jirrikjedu testijiet sempliċi biex ikun ippruvat li jistgħu jissewwew, għandu jkun inkluż ukoll fil-privileġġi. Il-kategorija B1 għandha awtomatikament tinkludi s-sottokategorija A adattata.

- Liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tal-kategorija B2 għandha tippermetti lid-detentur li joħroġ ċertifikati tal-ħruġ għall-użu wara manutenzjoni fuq sistemi avjoniċi u tal-elettriku.
- Liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tal-kategorija C għandha tippermetti lid-detentur li joħroġ ċertifikati tal-ħruġ għall-użu wara manutenzjoni tal-bażi fuq l-inġenji tal-ajru. Il-privileġġi japplikaw għall-inġenji tal-ajru fl-intier tagħhom f'organizzazzjoni tal-Parti-145.

5. Il-feedback li rċeviet l-Aġenzija mingħand il-partijiet interessati u l-awtoritajiet nazzjonali indika li r-regolament attwali ma jiddefinixxix b'mod ċar x'inhi sistema elettrika u x'inhi sistema avjonika. Barra minn hekk, l-AMCs u l-Materjal ta' Gwida attwali ma jidherx li huma biżżejjed biex jikkjarifikaw liema kompiti avjoniċi jistgħu jitwettqu minn detentur ta' liċenzja B1 u x'inhu test sempliċi.
6. Il-feedback addizzjonali li rċeviet l-Aġenzija mingħand il-partijiet interessati u l-awtoritajiet nazzjonali ssuġġerixxa li l-privileġġi tal-persunal b'liċenzja B2 huma ristretti wisq. Barra minn hekk, it-tul taż-żmien tat-taħriġ bażiku għall-kategorija B2 (2400 siegħa) huwa l-istess bħal dak għall-kategorija B1, waqt li l-kontenut tal-Appendiċi I għall-Parti-66 jidher li jindika li t-taħriġ B2 għandu jkun iqsar minn dak għall-B1.

Il-klassifikazzjonijiet tat-tip u l-grupp:

7. Attwalment, fir-Regolament (KE) Nru 2042/2003, l-Anness III (Parti-66), bl-iskop li jkunu approvati l-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-inġenji tal-ajru fil-liċenzji tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, l-inġenji tal-ajru huma kklassifikati bħala:
 - Inġenji tal-ajru li għalihom id-detenturi tal-liċenzja jrid ikollhom klassifikazzjoni tat-tip individwali tal-inġenji tal-ajru approvata fil-liċenzja. Din tinkludi l-inġenji tal-ajru kbar kollha kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 (jiġifieri l-ajruplani ta' aktar minn 5700 Kg MTOM u ħelikopters b'aktar minn magna waħda) u l-inġenji tal-ajru li minħabba l-kumplexità tagħhom l-Aġenzija ddeterminat li jirrikjedu klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru. Għal dawn l-inġenji tal-ajru huwa meħtieġ it-taħriġ tat-tip.
 - Inġenji tal-ajru li għalihom id-detenturi tal-liċenzja għandhom il-possibilità li jew ikollhom klassifikazzjoni tat-tip individwali tal-inġenji tal-ajru approvata fil-liċenzja, jew ikollhom klassifikazzjoni ta' grupp jew klassifikazzjoni ta' grupp ta' produtture adattata. F'dan il-każ, mhuwiex meħtieġ it-taħriġ tat-tip. Madankollu, huwa meħtieġ li jitlestew l-eżamijiet tat-tip u l-esperjenza Prattika (mill-inqas 50% tal-kompiti li hemm fl-Appendiċi II għall-AMC għall-Parti-66⁴).
8. Il-feedback li rċeviet l-Aġenzija mingħand il-partijiet interessati u l-awtoritajiet nazzjonali indika t-tħassib li ġej:

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 2003/19/RM tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tat-28.11.2003 dwar il-mezzi aċċettabbli ta' konformità u materjal ta' gwida għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol. Id-Deċiżjoni emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2009/016/R tal-1 ta' Diċembru 2009.

- Mhuwiex ċar x'inhu "it-tip tal-inġenju tal-ajru" fl-ambitu tal-manutenzjoni u, minħabba f'hekk, mhuwiex ċar f'liema punt żewġ mudelli/varjanti ta' inġenji tal-ajru differenti jitqiesu simili biżżejjed biex jitqiesu li jinsabu fl-istess "klassifikazzjoni tat-tip". Dan wassal għal nuqqas ta' preċiżjoni fil-lista tal-klassifikazzjonijiet tat-Tip fl-Appendiċi I għall-AMC għall-Parti-66.
- Attwalment mhemmx politika li tiddekrivi meta inġenju tal-ajru għandu jitqies bħala kumpless fir-rigward tal-manutenzjoni, li tista' tkun differenti mid-definizzjoni ta' "inġenju tal-ajru mħaddem b'magna kumplessa" li hemm fir-Regolament Bażiku.
- Il-gruppi differenti tal-inġenji tal-ajru attwali fir-realtà ma jirriflettux il-kumplessità tal-inġenji tal-ajru. Xi inġenji tal-ajru "mhumieq sempliċi" fir-rigward tad-disinn u huma meħtieġa biss li jkollhom klassifikazzjoni tal-grupp, li huwa kontra d-definizzjoni tagħha.
- Il-privileġġi tad-detenturi tal-liċenzja B2 huma restrittivi wisq meta wieħed iqis il-klassifikazzjonijiet tal-gruppi tal-produtturi. Bir-raġun wieħed jista' jikkunsidra li l-klassifikazzjonijiet tal-gruppi għandhom ikunu adattati aħjar għall-kapaċità tax-xogħol tad-detentur ta' liċenzja B2, fejn it-teknoloġija hija simili ħafna bejn produttur u ieħor.
- L-inġenji tal-ajru eliġibbli għall-klassifikazzjonijiet tal-gruppi tal-produtturi u klassifikazzjonijiet tal-grupp sħiħ attwalment jirrikjedu eżami tat-tip għal numru rappreżentattiv ta' inġenji tal-ajru. Madankollu, f'ħafna każijiet huwa diffiċli li ssib fornitur ta' dawn l-eżamijiet (organizzazzjoni approvata jew awtorità kompetenti).

Taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip:

9. Attwalment, skont ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003, l-Anness III (Parti-66), ħliet għal fejn hu speċifikat mod ieħor fil-punt 66.A.45(g), id-detentur ta' liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tal-kategorija B1, B2 jew C għandu jeżerċita l-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni fuq inġenji tal-ajru speċifiċi biss meta l-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru (AML) tkun approvata bil-klassifikazzjoni tat-tip (TR) adattata tal-inġenju tal-ajru.
10. Barra minn hekk, ħliet għal fejn hu speċifikat mod ieħor fil-punt 66.A.45(h), il-klassifikazzjonijiet għandhom jingħataw wara t-tlestija b'mod sodisfaċenti tat-taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip (TRT) ta' inġenji tal-ajru rilevanti tal-kategorija B1, B2 jew C approvat mill-awtorità kompetenti jew imwettaq minn organizzazzjoni tat-taħriġ fil-manutenzjoni tal-Parti-147 approvata kif meħtieġ.
11. Barra minn hekk, skont ir-regolament attwali u l-AMCs, it-taħriġ tat-tip approvat tal-kategorija B1 u B2 għandu jinkludi elementi teoretiċi u prattiċi li jridu jkunu konformi mal-Appendiċi III għall-Parti-66. Jista' jitħejja programm ta' Taħriġ fix-Xogħol (OJT) strutturat biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit tat-taħriġ prattiku. It-taħriġ prattiku jrid jinkludi perjodu ta' erba' xhur għal applikanti mingħajr esperjenza prattika preċedenti rreġistrata reċentement ta' inġenji tal-ajru b'kostruzzjoni u sistemi, inklużi l-magni, komparabbli, imma dan jista' jitnaqqas għal minimu ta' ġimgħatejn għal applikant b'tali esperjenza preċedenti.
12. Il-feedback li rċeviet l-Aġenzija mingħand il-partijiet interessati u l-awtoritajiet nazzjonali indika t-tfassil li ġej:
 - L-elementi deskritti fl-Appendiċi III tal-Parti-66 (għalkemm mifruxa mhux ħażin) ma jidherx li huma ddettaljati biżżejjed biex jindirizzaw il-possibilitajiet kollha tat-taħriġ tat-tip tal-inġenji tal-ajru, għaliex tħalla wisq spazju għall-interpretazzjoni u każijiet ta' trattament diżugwali. Kienu rrapurtati każijiet fejn l-istess kors tat-taħriġ ivarja fil-

livell, it-tul u l-kontenut fir-rigward tat-taħriġ teoretiku, prattiku/OJT/esperjenza prattika, u fejn l-elementi prattiċi kienu limitati għal taħriġ ta' ġimgħatejn, kienet x'kienet l-esperjenza tal-applikant. Barra minn hekk, it-taħriġ fid-differenza mhuwiex indirizzat biżżejjed.

- Barra minn hekk, il-materjal tal-AMC u l-GM attwali jindika li l-awtorità kompetenti għandha l-aħħar kelma rigward l-adeqgħatezza tat-tul tal-element prattiku għal individwu partikolari qabel tapprova l-klassifikazzjoni (li jista' jvarja minn 2 ġimgħat għal 4 xhur). Dan ħoloq sitwazzjonijiet fejn it-tlestija ta' kors tat-taħriġ tat-tip approvat għand organizzazzjoni tal-Parti-147, li jinkludi t-taħriġ teoretiku u prattiku, ma tqiesx adegwat mill-awtorità kompetenti biex tkun approvata l-klassifikazzjoni, u kien intalab taħriġ prattiku addizzjonali mill-awtorità kompetenti.

13. Biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, l-Aġenzija ħolqot tliet kompiti ta' Regolamentazzjoni:

- 66.006: Il-privileġġi tal-liċenzji tal-manutenzjoni B1 u B2 tal-inġenji tal-ajru.
- 66.009: Il-klassifikazzjonijiet tat-tip u l-grupp.
- 66.011: It-taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip.

Għal kull wieħed minn dawn il-kompiti, l-Aġenzija ħolqot grupp tal-abbozzar korrispondenti, magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u l-industrija. L-għan kien li tkun evalwata s-sitwazzjoni, jissottomettu proposta u jiżviluppaw linji gwida għall-ħruġ ta' opinjoni li timmodifika l-Parti-66 u/jew deċiżjoni li timmodifika l-AMC u l-GM għal din il-Parti fir-rigward tat-ToR (Termini ta' Referenza) korrispondenti. Fil-każ partikolari tal-kompitu 66.011, il-firxa tax-xogħol kien limitat għal dawk l-inġenji tal-ajru li jirrikjedu taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip.

14. Abbażi tal-kontribuzzjonijiet tal-gruppi tal-abbozzar, fit-28 ta' Ġunju 2007 l-Aġenzija ħarġet l-NPA2007-07 fil-websajt tagħha: (http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php).

15. Sad-data tal-għeluq tat-28 ta' Ottubru 2007 (li inkludiet estensjoni ta' xahar mal-konsultazzjoni ta' 3 xhur inizjali), l-Aġenzija kienet irċeviet 409 kumment mingħand l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u organizzazzjonijiet/persuni privati.

16. Biex tanalizza dawn il-kummenti, l-Aġenzija ħolqot grupp ta' analiżi għal kull wieħed mit-tliet kompiti, kull wieħed magħmul mill-membri tal-grupp tax-xogħol korrispondenti flimkien ma' persuna mill-Istandardizzazzjoni u Approvazzjonijiet (tal-Aġenzija) u persuna mill-industrija li kienet esprimiet opinjoni li ma taqbilx mal-NPA2007-07. Bħala riżultat ta' din l-analiżi, fis-6 ta' Ottubru 2009 l-Aġenzija ppubblikat is-CRD2007-07, li kien fih ir-risposti għal kull kumment u t-test propost għar-regola u għall-AMC/GM.

17. Huwa importanti li f'dan il-punt wieħed jinnota li l-gruppi ta' analiżi qiesu wkoll il-kummenti li waslu matul il-konsultazzjoni tal-NPA2008-03.

18. Wara li kien ippubblikat is-CRD2007-07, fid-29 ta' Ottubru 2009 l-Aġenzija organizzat grupp ta' diskussjoni f'Kolon biex tispjega l-kontenut tiegħu u tgħin lill-partijiet interessati jifhmu l-proposta qabel ikunu sottomessi r-reazzjonijiet.

19. Bħala riżultat tal-konsultazzjoni esterna tas-CRD2007-07, li ntemmet fil-5 ta' Diċembru 2009, l-Aġenzija rċeviet reazzjonijiet mingħand:

- 4 awtoritajiet kompetenti: CAA-Netherlands, CAA-Sweden, CAA-United Kingdom u DGAC-France.
- 12-il organizzazzjoni u assoċjazzjoni: Airbus SAS, British Airways Engineering, Flight Safety International, Helicopters Italia, KLM Engineering & Maintenance, Monarch, Thomas Cook Aircraft Engineering, Air France, l-Assoċjazzjoni tat-Teknixins tal-Avjazzjoni Olandiżi (NVL), Tyrolean Airways, il-Kumitat Ewropew tat-Taħriġ fil-Manutenzjoni tal-Inġenji tal-Ajru (EAMTC) u EAT-DHL Technical Training Department.
- 4 persuni individwali.

Dawn ir-reazzjonijiet huma analizzati fid-dettall fl-anness.

III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

20. L-opinjoni attwali tqis, safejn huwa possibbli, is-suġġerimenti magħmula mill-bosta partijiet interessati u l-awtoritajiet nazzjonali li pparteċipaw fil-konsultazzjoni u rreaġixxew għas-CRD.
21. Meta wieħed iqis il-ġerarkija tar-regoli tal-EASA, l-opinjoni attwali tindirizza biss il-bidliet li l-Aġenzija ssuġġeriet għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003; il-mezzi ta' konformità (AMC) u l-materjal ta' gwida (GM) relatati, li kienu spjegati fid-dettall fis-CRD, jistgħu u se jinħarġu biss mill-Aġenzija meta r-regolamenti msemmija hawn fuq ikunu ġew adottati mill-Kummissjoni. Madankollu, irid ikun ċar li l-miżuri ppreżentati f'din l-opinjoni jridu jinqraw flimkien mal-AMC u l-GM imsemmija bħala parti minn pakkett maqbul.

a) **Bidliet relatati mal-kompitu 66.006: il-privileġġi tal-liċenzji tal-manutenzjoni B1 u B2 tal-inġenji tal-ajru**

22. Fir-rigward tal-privileġġi tal-persunal li jiċċertifika tal-kategorija B1, l-Aġenzija tipproponi li tippermetti l-ħruġ ta' "xogħol fuq sistemi avjoniki" (minflok "it-tibdil ta' unitajiet li jistgħu jinbidlu tal-linja avjonika") sakemm it-test involut ikun sempliċi u ma jkunx hemm il-ħtieġa għall-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet.

Din il-bidla se tkun appoġġjata aktar permezz ta' AMC u GM biex ikun iċċarat:

- x'inhom "sistema tal-elettriku" u x'inhom "sistema avjonika";
 - x'inhom "test sempliċi";
 - xi tfisser "l-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet";
 - li l-oqsma tipiċi koperti mill-Modulu 7.7 jitqiesu bħala "kompiti tal-elettriku", li jfisser li jistgħu jinħarġu kemm minn persunal li jiċċertifika B1 kif ukoll B2.
23. Fir-rigward tal-persunal li jiċċertifika tal-kategorija B2, l-Aġenzija tipproponi li fil-privileġġi tagħhom tinkludi l-ħruġ ta' kompiti tal-elettriku u avjoniki mwettqa fis-sistemi tal-impjant tal-enerġija u s-sistemi mekkaniċi (il-punt 66.A.20(a)3(i)) għall-Parti-66). Minħabba f'hekk, l-Appendiċi I, II u III ġew irriveduti għas-sistemi applikabbli biex jiżdied il-livell tal-għarfien/taħriġ għall-kategorija B2 biex jaqbel ma' dak tal-kategorija B1 u biex jiżdiedu mistoqsijiet ġodda fl-eżamijiet rispettivi.
24. Biex ma tobbligax lid-detenturi ta' liċenzja B2 eżistenti kollha li jkunu mħarrġa mill-ġdid/eżaminati mill-ġdid, fl-Artikolu 7.9(a) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 l-Aġenzija tipproponi li huma jiksibu dan il-privileġġ awtomatikament. Għalkemm dan huwa parzjalment iġġustifikat mill-fatt li l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata hija dejjem meħtieġa li tevalwa l-kompetenza tal-persunal li jiċċertifika qabel toħroġ l-awtorizzazzjoni adattata, l-Aġenzija introduċiet miżura ta' kumpens addizzjonali fil-punt 66.A.20(b)3 għall-Parti-66, li tgħid li l-persunal li jiċċertifika ma jistax jeżerċita privileġġi jekk ma jkunx kompetenti fuq l-inġenji tal-ajru korrispondenti.

Dan se jkun issupplimentat minn AMC 66.A.20(b)3 li tikkjarifika li d-detentur ta' liċenzja għandu jiżgura li kiseb l-għarfien u l-esperjenza adattata biex joħroġ l-inġenji tal-ajru speċifiċi. Dan huwa essenzjali minħabba li xi sistemi u teknoloġiji preżenti f'inġenji tal-ajru partikolari jistgħu ma jkunux ġew koperti mir-rekwiżiti tal-għarfien bażiku ta' 66.A.25 jew mir-rekwiżiti tal-klassifikazzjoni tat-tip 66.A.45.

Dan huwa tipikament il-każ ta':

- Il-klassifikazzjonijiet tat-tip approvati fuq liċenzja bl-użu tad-denominazzjonijiet iddefiniti fl-Appendiċi I għall-AMC "Lista tal-Klassifikazzjonijiet tat-Tip" wara s-segwitu ta' taħriġ/eżami tat-tip li ma kopriex il-varjanti kollha f'dik id-denominazzjoni ta' klassifikazzjoni.
- Ix-xogħol imwettaq fuq mudell li evolva teknoloġikament mill-mudell oriġinali użat fit-taħriġ/eżami tat-tip.
- L-evoluzzjoni tar-rekwiżiti tal-għarfien bażiku li ma jirrikjedux eżami mill-ġdid tad-detenturi ta' liċenzja eżistenti.
- It-teknoloġija speċifika u l-għażliet magħżula minn kull klijent, li jistgħu ma kinux ġew koperti mit-taħriġ/eżami tat-tip.
- L-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet ta' grupp/sottogrupp abbażi tal-esperjenza fuq numru rappreżentattiv ta' kompiti jew abbażi ta' taħriġ/eżami tat-tip fuq għadd rappreżentattiv ta' inġenji tal-ajru.

25. Barra minn hekk, għall-persunal li jiċċertifika B2, l-Aġenzija tipproponi l-possibilità għal organizzazzjoni tal-Parti-145 li tawtorizza detentur ta' liċenzja B2 li jiċċertifika kompiti tal-kategorija A (il-punt 66.A.20(a)3(ii) għall-Parti-66). Għalkemm l-għarfien bażiku ta' liċenzja tal-kategorija B2 ma tkoprix b'mod sħiħ l-għarfien bażiku meħtieġ għal liċenzja tal-kategorija A, u ċertament l-Aġenzija għamlitha ċara li l-liċenzja tal-kategorija B2 ma tinkludix awtomatikament xi sottokategorija A, l-Aġenzija tqis bħala raġonevoli din iż-żieda tal-privileġġi suġġetta għall-miżuri ta' kumpens li ġejjin:

- Il-privileġġ tal-kategorija A jkopri biss it-tipi ta' inġenji tal-ajru li diġà huma approvati fil-liċenzja B2;
- Irid jitwettaq taħriġ fil-kompiti adattat, għal kull tip ta' inġenju tal-ajru, fl-organizzazzjoni tal-Parti-145 li toħroġ l-awtorizzazzjoni;
- Huma meħtieġa 6 xhur ta' esperjenza Prattika ddokumentata fl-organizzazzjoni tal-Parti-145 li toħroġ l-awtorizzazzjoni. Din l-esperjenza trid tkopri l-firxa tal-awtorizzazzjoni li se tinħareġ;
- Kemm it-taħriġ fil-kompiti kif ukoll l-esperjenza Prattika għandhom ikunu segwiti minn eżami/evalwazzjoni adattati.

26. L-Appendiċi I għall-Parti-66 kien emendat biex:

- Jinkludi teknoloġija ġdida bħalma huma l-"Avjoniċi Modulari Integrati (ATA42)", is-"Sistemi tal-Kabina (ATA44)" u s-"Sistemi tal-Infommazzjoni (ATA46)";
- Jitwessgħu l-Moduli 13 u 14 biex ikopru l-estensjoni tal-privileġġi għal liċenzja B2 li hemm fil-punt 66.A.20(a)3(i) għall-Parti-66.

Dan it-twessigħ fil-kontenut tal-Appendiċi I ma implikax tibdil fis-sigħat tat-taħriġ meħtieġa għall-korsijiet bażiċi tal-Parti-145 minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

- Il-bidla introdotta fis-sillabu B1 (teknoloġija ġdida) hija insinifikanti fir-rigward tat-tul tal-kors sħiħ.
- Il-bidla introdotta biex tkopri ż-żieda tal-privileġġi B2, għalkemm aktar sinifikanti, hija kkompensata bit-tnaqqis fis-sigħat li l-Aġenzija kienet qed tippjana li tintroduċi meta tkun ikkonfermat li t-taħriġ B2 attwali għandu jkun iqsar minn dak tal-B1. Dan it-tnaqqis kien il-konsegwenza ta' analiżi ddettaljata tal-kontenut tas-sillabu (moduli, submoduli u temi) u l-livell tat-taħriġ għal kull tema partikolari. Minħabba f'hekk, it-tul finali tal-kors bażiku B2 jibqa' 2400 siegħa.

27. L-Appendiċi II għall-Parti-66 kien emendat biex:
- In-numru tal-mistoqsijiet ikun adattat għat-tibdil introdott fl-Appendiċi I.
 - Ikun żgurat li n-numru ta' mistoqsijiet għal kull Modulu huwa diviżibbli b'4, biex ikun jista' jinkiseb punteġġ ta' 75%. Dan isolvi l-problema attwali fejn f'xi każijiet kien meħtieġ li jinkiseb punteġġ ta' aktar minn 75% biex wieħed jgħaddi mill-eżami.
28. L-Appendiċi III għall-Parti-66 kien emendat biex ikun adattat għat-tibdiliet introdotti fl-Appendiċi I.
29. Il-Punt 145.A.30(g) għall-Parti-145 kien emendat biż-żieda tal-kliem "kif meħtieġ" biex jippermetti lill-awtorità kompetenti li tapprova organizzazzjoni b'persunal li jiċċertifika B1 biss jew B2 biss jekk il-firxa tax-xogħol b'mod ċar tiġġustifika dan.

Se tiżdied AMC 145.A.30(g) biex tiċċara li dan huwa possibbli biss jekk il-firxa tax-xogħol, kif iddefinit fl-Espożizzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni, turi li mhemmx ħtieġa kemm ta' persunal li jiċċertifika B1 kif ukoll ta' persunal li jiċċertifika B2. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex tkun limitata b'mod ċar il-firxa tal-manutenzjoni tal-linja skedata u mhux skedata (ir-rettifika tad-difetti) għal dawk il-kompiti biss li jistgħu jkunu ċċertifikati mill-kategorija disponibbli tal-persunal li jiċċertifika.

30. Fl-aħħar nett, l-Aġenzija introduċiet dispożizzjonijiet adattati fl-Artikolu 7.9(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 biex tiżgura li l-organizzazzjonijiet tal-Parti-147 li jipprovdu korsijiet ta' taħriġ bażiku u eżamijiet u l-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu eżamijiet bażiċi jkollhom fażi tranżitorji adegwata.

b) Bidliet relatati mal-kompitu 66.009: Il-klassifikazzjonijiet tat-tip u l-grupp

31. Fir-rigward tal-politika dwar id-determinazzjoni ta' meta mudell/varjant ta' inġenju tal-ajru jirrikjedi "klassifikazzjoni tat-tip" separata jew li jista' jkun introdott fi "klassifikazzjoni tat-tip" eżistenti, din attwalment qed tkun analizzata bħala parti mill-kompitu 21.039 relatat mad-"Dejta ta' Adegwatezza Operattiva". Dan il-kompitu jipprevedi, fost tibdiliet oħra, l-obbligu għad-detenturi ta' TC u STC li jiddefinixxu s-sillabu minimu tat-taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip tal-persunal li jiċċertifika l-manutenzjoni.
32. Fir-rigward tal-kriterji li jstabilixxu meta inġenju tal-ajru jitqies bħala "kumpless" fir-rigward tal-manutenzjoni u minħabba f'hekk jirrikjedi klassifikazzjoni tat-tip individwali bbażata fuq taħriġ tat-tip individwali, l-Aġenzija ġabritom fil-Grupp 1, li skont il-punt ġdid 66.A.42 huwa ddefinit bħala:

Grupp 1: "L-inġenji tal-ajru kollha mħaddma b'magni kumplessi u dawk l-inġenji tal-ajru mħaddma b'magni mhux kumplessi li jirrikjedu klassifikazzjoni tat-tip individwali. Inġenju tal-ajru mħaddem b'magna mhux kumplessa jirrikjedi klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru meta jkun iddefinit mill-Aġenzija".

F'din id-definizzjoni, it-terminu "inġenji tal-ajru mħaddma b'magni kumplessi" huwa dak iddefinit fir-Regolament Bażiku.

Il-politika li se tkun segwita mill-Aġenzija biex tikklassifika inġenju tal-ajru mħaddem b'magna mhux kumplessa fil-Grupp 1 se tkun din li ġejja:

- meta l-proċeduri tal-manutenzjoni jirrikjedu taħriġ speċjalizzat (jiġifieri meta wieħed mill-karatteristiċi tagħha mhuwiex kopert adegwament mis-Sillabu bażiku tal-Appendiċi I tal-Parti-66),
jew
- l-altitudni operattiva massima ċċertifikata taqbeż FL 290, jew
- huwa ħelikopter b'aktar minn magna waħda, jew
- huwa mgħammar b'sistemi ta' titjir bil-wajer.

Dawn il-kriterji huma sempliċi u l-inġenji tal-ajru se jkunu identifikati b'mod faċli jekk jappartjenux għall-grupp 1 jew le.

33. Fir-rigward tal-ġabra tal-inġenji tal-ajru, it-13-il grupp tal-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-manutenzjoni attwalment elenkati fl-Appendiċi I għall-AMC għall-Parti-66, imsemmija hawnhekk bħala l-"Lista tal-klassifikazzjonijiet tat-tip", jinbidlu bi 3 gruppi (il-punt ġdid 66.A.42 għall-Parti-66):
- Grupp 1: l-inġenji tal-ajru kollha mħaddma b'magni kumplessi u dawk l-inġenji tal-ajru mħaddma b'magni mhux kumplessi li jirrikjedu klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru, kif iddefinit mill-Aġenzija.
 - Grupp 2: l-inġenji tal-ajru minbarra dawk fil-Grupp 1, li jidħlu fis-sottogruppi li ġejjin:
 - sottogrupp 2a: ajruplani b'magna waħda bl-iskrun turbo
 - sottogrupp 2b: ħelikopters b'magna waħda bit-turbini
 - sottogrupp 2c: ħelikopters b'magna waħda bil-pistons
 - Grupp 3: l-ajruplani b'magna bil-pistons minbarra dawk fil-Grupp 1.
34. Abbażi tal-gruppi u s-sottogruppi ddefiniti fil-punt 66.A.42 għall-Parti-66, fil-punt 66.A.45 għall-Parti-66 l-Aġenzija introduċiet possibiltajiet differenti għall-approvazzjoni ta' liċenzja flimkien mar-rekwiżiti tat-taħriġ/eżami/esperjenza korrispondenti. Tabella simili għal dik ta' hawn taħt se tkun introdotta fil-Materjal ta' Gwida (GM 66.A.45) biex tagħti fil-qosor l-għażliet u r-rekwiżiti kollha:

Rekwiżiti tal-klassifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru			
	Liċenzja B1	Liċenzja B2	Liċenzja C
	KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP Individwali	KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP Individwali	KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP Individwali
Grupp 1 Inġenji tal-ajru mħaddma b'magna kumplessa + inġenji tal-ajru oħra ddefiniti mill-Aġenzija	<i>Taħriġ tat-tip:</i> - Teorija + eżami - Prattika + evalwazzjoni <i>OJT (għall-ewwel inġenju tal-ajru fis-sottokategorija tal-liċenzja)</i>	<i>Taħriġ tat-tip:</i> - Teorija + eżami - Prattika + evalwazzjoni <i>OJT (għall-ewwel inġenju tal-ajru fis-sottokategorija tal-liċenzja)</i>	<i>Taħriġ tat-tip:</i> - Teorija + eżami

<p>Grupp 2: (minbarra dawk fil-Grupp 1)</p> <p>Sottogrupp i:</p> <p>2a: ajruplani b'magna waħda bl-iskrun turbo</p> <p>2b: ħelikopters b'magna waħda bit-turbini</p> <p>2c: ħelikopters b'magna waħda bil-pistons</p>	<p><i>(detenturi ta' liċenzja B1.1, B1.3, B1.4)</i></p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP Individwali <i>(taħriġ tat-tip+OJT) jew (eżami tat-tip + esperjenza Prattika)</i></p> <p>jew</p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TA' SOTTOGRUPP ta' produttori <i>(taħriġ tat-tip+OJT) jew (eżami tat-tip + esperjenza Prattika) fuq mill-inqas 2 inġenji tal-ajru rappreżentattivi ta' dak is-sottogrupp ta' produttori</i></p> <p>jew</p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TA' SOTTOGRUPP sħiħ <i>(taħriġ tat-tip+OJT) jew (eżami tat-tip + esperjenza Prattika) fuq mill-inqas 3 inġenji tal-ajru rappreżentattivi ta' dak is-sottogrupp minn produttori differenti</i></p>	<p>KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP Individwali <i>(taħriġ tat-tip+OJT) jew (eżami tat-tip + esperjenza Prattika)</i></p> <p>jew</p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TA' SOTTOGRUPP ta' produttori <i>(abbażi tal-wiri ta' esperjenza adattata)</i></p> <p>jew</p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TA' SOTTOGRUPP sħiħ <i>(abbażi tal-wiri ta' esperjenza adattata)</i></p>	<p>KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP Individwali <i>(taħriġ tat-tip) jew (eżami tat-tip)</i></p> <p>jew</p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TA' SOTTOGRUPP ta' produttori <i>(taħriġ tat-tip jew eżami tat-tip) fuq mill-inqas 2 inġenji tal-ajru rappreżentattivi ta' dak is-sottogrupp ta' produttori</i></p> <p>jew</p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TA' SOTTOGRUPP sħiħ <i>(taħriġ tat-tip jew eżami tat-tip) fuq mill-inqas 3 inġenji tal-ajru rappreżentattivi ta' dak is-sottogrupp minn produttori differenti</i></p>
<p>Grupp 3</p> <p>Ajruplani b'magna bil-pistons (minbarra dawk fil-Grupp 1)</p>	<p><i>(detenturi ta' liċenzja B1.2)</i></p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP Individwali <i>(taħriġ tat-tip+OJT) jew (eżami tat-tip + esperjenza Prattika)</i></p> <p>jew</p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TA' GRUPP 3 sħiħ <i>(abbażi tal-wiri ta' esperjenza adattata)</i></p> <p>Limitazzjonijiet:</p> <ul style="list-style-type: none"> ▪ Ajruplani bil-prensa ▪ Strutturi (metall / komposti / injam / tubi tal-metall u tessuti) <p><i>(Il-limitazzjonijiet għandhom jitneħħew abbażi ta' esperjenza adattata)</i></p>	<p>KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP Individwali <i>(taħriġ tat-tip+OJT) jew (eżami tat-tip + esperjenza Prattika)</i></p> <p>jew</p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TA' GRUPP 3 sħiħ <i>(abbażi tal-wiri ta' esperjenza adattata)</i></p>	<p>KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP Individwali <i>(taħriġ tat-tip) jew (eżami tat-tip)</i></p> <p>jew</p> <p>KLASSIFIKAZZJONI TA' GRUPP 3 sħiħ <i>(abbażi tal-wiri ta' esperjenza adattata)</i></p>

35. Importanti li wieħed jinnota li għal xi gruppi ta' inġenji tal-ajru u liċenzji huwa possibbli li jinkisbu klassifikazzjonijiet ta' grupp/sottogrupp abbażi ta' esperjenza adattata, mingħajr il-ħtieġa ta' taħriġ tat-tip jew eżamijiet tat-tip. Dan jgħodd għal dawn li ġejjin:

- Inġenji tal-ajru tal-Grupp 3 għal-liċenzji kollha (B1.2, B2 u C).
- Inġenji tal-ajru tal-Grupp 2 għal-liċenzja B2.

Ir-raġuni għaliex il-liċenzja B2 għandha wkoll il-possibilità li jkollha l-klassifikazzjonijiet ta' sottogrupp fuq l-inġenji tal-ajru tal-Grupp 2 abbażi tal-esperjenza, mingħajr il-ħtieġa ta' taħriġ tat-tip/eżami tat-tip fuq għadd ta' inġenji tal-ajru rappreżentattivi, hija li t-teknoloġija avjonika disponibbli f'tipi differenti ta' inġenji tal-ajru għandha t-tendenza li tkun simili ħafna.

Għal-liċenzji B1 u C, it-teknoloġija disponibbli għall-istrutturi u s-sistemi mekkaniċi hija ħafna iżjed varjata. Minħabba f'hekk, il-klassifikazzjonijiet ta' sottogrupp fuq l-inġenji tal-ajru tal-Grupp 2 abbażi tal-esperjenza mhumiex possibbli għal-liċenzji B1 u C. Barra minn hekk, anki meta huwa possibbli li wieħed ikollu l-klassifikazzjoni ta' Grupp 3 sħiħ fil-liċenzja B1.2 abbażi tal-esperjenza, din il-klassifikazzjoni se tkun suġġetta għal-limitazzjonijiet li ġejjin jekk il-persuna ma tistax turi esperjenza adattata:

- Inġenji tal-ajru bil-prensa.
- Inġenji tal-ajru bi struttura tal-injam.
- Inġenji tal-ajru bi struttura ta' tubi tal-metall miksija bit-tessuti.
- Inġenji tal-ajru bi struttura tal-metall.
- Inġenji tal-ajru bi struttura komposta.

Importanti li wieħed jinnota hawnhekk li fl-NPA2007-07 n-numru tal-limitazzjonijiet kien akbar, inklużi l-limitazzjonijiet li ġejjin:

Għal liċenzja B1.2 u C:

- Tagħmir tal-inżul li jista' jinġibed 'il ġewwa.
- Skrun b'piċċ varjabbli.
- Magna ċċarġjata bit-turbo.
- FADEC.

Għal liċenzja B2:

- awtobdoti tal-ħelikopter
- awtobdoti tal-ajruplani
- EFIS
- FADEC

Madankollu, dawn il-limitazzjonijiet addizzjonali tneħħew mill-proposta finali f'koordinazzjoni mal-grupp ta' analiżi korrispondenti għall-NPA2008-03 fejn limitazzjonijiet simili kienu ddaħħlu għal-liċenzji B3 u L.

Ir-raġunijiet għat-tneħħija tal-limitazzjonijiet relatati ma' dawn is-sistemi huma dawn li ġejjin:

- Wieħed jista' jargumenta għaliex intgħażlu dawn is-sistemi u mhux oħrajn.
- Is-sistema għall-approvazzjoni u t-tneħħija tal-limitazzjonijiet tista' toħloq piż sinifikanti fuq l-awtoritajiet kompetenti u d-detenturi tal-liċenzji.
- Madankollu, id-detentur ta' liċenzja għadu jrid ikopri r-rekwiżiti kollha tal-għarfien bażiku u l-esperjenza.

Barra minn hekk, bħala miżura ta' kumpens, ġiet introdotta dispożizzjoni fil-punt 66.A.20(b) għall-Parti-66 biex tagħmilha ċara ħafna li l-persunal li jiċċertifika ma jistax jeżerċita privileġġi jekk ma jkunx kompetenti fuq inġenju tal-ajru partikolari. Dan isaħħaħ

ir-responsabilità attwali tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni jew tal-persunal li jiċċertifika indipendenti biex jiżguraw din il-kompetenza qabel il-ħruġ ta' ingenu tal-ajru.

36. Il-limitazzjonijiet approvati fil-liċenzja:
- Ifissru "esklużjonijiet" mill-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni.
 - Jaffettwaw l-ingenu tal-ajru kollu. Xejn ma jista' jinħareġ fuq ingenu tal-ajru ħlief il-kompiti tal-manutenzjoni tal-bdot sid.
 - Jistgħu jitneħħew permezz ta':
 1. Il-wiri ta' esperjenza adattata (se tkun spjegata aktar f'AMC), jew
 2. Il-wiri ta' esperjenza adattata jew wara evalwazzjoni Prattika sodisfaċenti mwettqa mill-awtorità kompetenti.
37. Il-punt 66.B.125 għall-Parti-66 kien emendat biex jipprovdi struzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti dwar kif il-liċenzji tal-Parti-66 eżistenti se jkunu kkonvertiti fil-klassifikazzjonijiet il-ġodda deskritti fil-punt 66.A.45 għall-Parti-66. Madankollu, din il-konverżjoni mhijiex mandatorja sakemm tiskadi l-liċenzja tal-Parti-66 eżistenti jew tkun teħtieġ emenda (ara l-Artikolu 7.9(h) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003). Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tat-tip tal-ingeni tal-ajru individwali approvati f'liċenzja tal-Parti-66 mhux se jkunu suġġetti għall-konverżjoni u għandhom jibqgħu fil-liċenzja.

c) *Bidliet relatati mal-kompitu 66.011: It-taħriġ tat-tip*

38. It-Taħriġ fil-Klassifikazzjoni tat-Tip (TRT) u t-Taħriġ fix-Xogħol (OJT)

It-TRT huwa dejjem magħmul minn:

- Parti teoretika u eżami;
- Parti Prattika u evalwazzjoni.

L-OJT ma jitqisx bħala parti mit-TRT. L-OJT se jkun addizzjonali għat-TRT u mandatorju biss fil-każ tal-ksib tal-ewwel klassifikazzjoni tat-tip (TR) f'kategorija/sottokategorija tal-Liċenzja tal-Manutenzjoni tal-Inġenji tal-Ajru (AML), sabiex il-mekkanik ikun jista' jikseb l-esperjenza flimkien mal-parti Prattika tat-TRT.

L-OJT huwa programm li għandu jkun organizzat f'ambjent tal-manutenzjoni reali u taħt is-sorveljanza ta' superviżur maħtur. Barra minn hekk, dan l-OJT iwassal għal evalwazzjoni. Dawn l-elementi kollha għandhom ikunu aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti responsabbli għall-approvazzjoni tat-TR.

Minħabba dawn ir-raġunijiet kollha, it-TRT issa huwa deskritt fil-punt 66.A.45(k) għall-Parti-66, isseparat mill-OJT, li huwa deskritt fil-punt 66.A.45(l) għall-Parti-66.

39. It-tip tal-ingeni tal-ajru rilevanti għat-Taħriġ fix-Xogħol (OJT)

L-OJT jista' jitwettaq biss fuq it-tip ta' ingenu tal-ajru li se jkun approvat, u mhux fuq ingeni tal-ajru oħra fl-istess sottokategorija jew f'sottokategoriji oħra. Ir-raġuni hija li dan huwa l-ewwel tip ta' ingenu tal-ajru fis-sottokategorija u d-detentur tal-liċenzja jeħtieġ li jkollu l-esperjenza fuq dak l-ingenu tal-ajru biex ikollu l-kapaċità li jiċċertifika.

40. Taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip u l-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni

L-approvazzjoni ta' klassifikazzjoni tat-tip fuq l-AML mhijiex biżżejjed biex ikunu eżerċitati l-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni. Hemm rekwiżiti oħra, kif desritt fil-punt 66.A.20(b) għall-

Parti-66 u l-punt 145.A.35 għall-Parti-145. Biex din tkun aktar ċara, inħoloq il-punt ġdid 66.A.20(b)3 għall-Parti-66 u se jinħarġu aktar AMCs għal dan l-iskop, kemm għal 66.A.20(b)3 kif ukoll għal 145.A.35(a).

41. Il-parti teoretika tat-Taħriġ fil-Klassifikazzjoni tat-Tip (TRT): it-tul taż-żmien minimu

Biex ikun evitat Taħriġ fil-Klassifikazzjoni tat-Tip (TRT) qasir wisq kif irrapurtat mit-timijiet tal-Istandardizzazzjoni tal-EASA, il-kunċett tat-tul taż-żmien minimu għall-parti teoretika tat-TRT ġie introdott bħala l-aħjar kompromess. Madankollu, ma kienx possibbli li jkunu proposti t-tulijiet taż-żmien li jkopru b'mod sfiħ id-diversità wiesgħa fit-teknoloġija, il-kumplessità, il-piż. Għaldaqstant, il-bidliet kellhom ikunu limitati għal kategoriji ġeneriċi u wiesgħa.

Minbarra dik għall-inġenji bir-rotors, tliet kategoriji ġeneriċi huma proposti għall-ajruplani, abbażi tal-MTOM:

- Inqas minn 5700 Kg
- Bejn 5700 Kg u 30000 Kg
- Aktar minn 30000 Kg

Barra minn hekk, ingħatat attenzjoni speċjali lit-tipi tal-inġenji tal-ajru li huma inqas minn 2T (inġenji tal-ajru ħfief): it-tul taż-żmien minimu jista' jitnaqqas b'50% għall-ajruplani mhux bil-prensa b'magni bil-pistons ta' inqas minn 2000kg MTOM.

Għall-ħelikopters li jappartjenu għall-Grupp 2, kif iddefiniti issa f'66.A.42, it-tul taż-żmien minimu jista' jitnaqqas bi 30%.

It-tulijiet taż-żmien minimi kollha għat-TRT teoretiċi huma bbażati fuq kategoriji ġeneriċi tal-inġenji tal-ajru u l-adattament minimu ta' tagħmir standard u kienu stabbiliti billi tqiesu, fost affarijiet oħra, dawn li ġejjin:

- It-tul taż-żmien ta' korsijiet tat-TRT tal-Parti-145 eżistenti fl-Ewropa pprovduti mill-Kumitat Ewropew tat-Taħriġ fil-Manutenzjoni tal-Inġenji tal-Ajru (EAMTC).
- It-tul taż-żmien ta' korsijiet tat-TRT tal-Parti-147 ipprovduti minn organizzazzjonijiet barranin taħt is-sorveljanza tal-Aġenzija.

42. Id-dispożizzjonijiet ta' flessibilità għat-tul taż-żmien minimu – il-ġustifikazzjoni tat-tul taż-żmien tat-TRT

Id-determinazzjoni tal-kontenut u t-tul taż-żmien tat-TRT trid tkun ibbażata fuq analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ (TNA) dettaljata.

Il-metodoloġija biex ikunu identifikati l-ħtiġijiet tat-Taħriġ se tingħata fil-Materjal ta' Gwida (GM) għall-Appendiċi III għall-Parti-66.

Minħabba li huwa impossibbli li tkun koperta d-diversità kollha tal-inġenji tal-ajru, it-teknoloġija, eċċ, u minħabba li l-Appendiċi III għall-Parti-66, fejn tali tul taż-żmien huwa propost, huwa ta' konformità mandatorja, kwalunkwe devjazzjoni tkun teħtieġ l-użu tal-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku.

Biex ikun evitat dan l-imblokk, l-Aġenzija pproponiet dispożizzjonijiet ta' flessibilità, li għandhom ikunu:

- Permissibbli biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali;
- Iġġustifikati, aċċettati u arkivjati mill-Awtorità Kompetenti;
- Ibbażati fuq Analiżi tal-ħtiġijiet tat-Taħriġ.

Il-tulijiet tal-korsijiet jistgħu jkunu inqas mill-minimu propost għalkemm ibbażati fuq ġustifikazzjoni ddettaljata, jew itwal mill-minimu propost fejn dan ikun meħtieġ biex ikunu ssodisfati l-punti tat-tagħlim meħtieġa u biex ikunu koperti l-ħtiġijiet tat-taħriġ u l-oġettivi tat-tagħlim kollha.

Id-definizzjoni ta' siegħa ta' tagħlim hija proposta wkoll f'dan id-dokument.

43. In-numru massimu ta' sigħat ta' taħriġ kull ġurnata

Minħabba l-kwistjonijiet ta' effiċjenza fit-"taħriġ" u l-"fattur uman", in-numru tas-sigħat ta' tagħlim kull ġurnata għat-taħriġ teoretiku m'għandux jaqbeż is-6 sigħat; f'każijiet eċċezzjonali, devjazzjoni minn dan l-istandard tista' tkun permessa mill-awtorità kompetenti meta tkun iġġustifikata sewwa. Dan in-numru massimu ta' sigħat huwa aċċettabbli wkoll

- għall-kombinazzjoni ta' taħriġ teoretiku u prattiku, meta jitwettqu fl-istess ħin;
- għall-kombinazzjoni ta' taħriġ u twettiq ta' manutenzjoni normali ta' kuljum (bħall-kompiti tal-manutenzjoni jew l-OJT), meta jitwettqu fl-istess ħin.

44. L-attenzenza (l-assenteiżmu)

It-tul taż-żmien minimu tal-parteċipazzjoni huwa ta' mill-inqas 90 fil-mija tas-sigħat ta' tagħlim għall-kors ta' taħriġ teoretiku. Jekk dan il-kriterju ma jkunx issodisfat, iċ-ċertifikat ta' rikonossiment m'għandux jinħareġ. Jista' jingħata taħriġ addizzjonali mill-organizzazzjoni tat-taħriġ biex ikun issodisfat it-tul taż-żmien minimu tal-parteċipazzjoni.

45. It-titjib fil-kontenut u l-livell eżistenti tal-parti teoretika tat-TRT

It-tabella eżistenti (l-istandard tat-taħriġ tat-tip/elementi teoretiċi) fl-Appendiċi III għall-Parti-66 kienet irrieduta u aġġornata biex tindirizza s-sistemi l-ġodda, it-teknoloġija l-ġdida, eċċ, u kienet allinjata mal-ATA104 (Speċifikazzjoni 104 tal-Assoċjazzjoni tat-Trasport bl-Ajru) safejn kien prattiku. Barra minn hekk, kull numru tat-tabelli jitqies bħala kapitolu partikolari, għall-fini tal-eżami.

Twettqet koordinazzjoni mal-kompitu tar-regolamentazzjoni 66.006 fejn kienu rrieduti l-privileġġi tad-detenturi tal-liċenzja B1 u B2.

Il-provi tal-magni fuq l-art ma jitqisux bħala parti mit-TRT.

46. Il-parti prattika tat-TRT (il-kontenut)

It-taħriġ prattiku issa huwa kompost minn kontenut fiss, ibbażat fuq lista speċifika ta' kompiti prattiċi li tinstab fl-Appendiċi III għall-Parti-66.

L-elementi prattiċi li jridu jitlestew iridu jkunu rappreżentattivi tal-inġenji tal-ajru u s-sistemi kemm fil-kumplessità kif ukoll fit-tidħil tekniku meħtieġ. Filwaqt li kompiti relattivament sempliċi jistgħu jkunu inklużi, kompiti oħra ta' manutenzjoni aktar kumplessa għandhom ikunu inkorporati u mwettqa wkoll.

It-tabella proposta tinkludi l-kategoriji tal-kompiti li ġejjin:

- LOC: Lokazzjoni
- FOT: Test Funzjonali/Operattiv

- SGH: Trattament waqt l-Użu u fl-Art
- R/I: Tneħħija/Installazzjoni
- MEL: Lista Minima tat-Tagħmir
- TS: Identifikazzjoni tal-Problemi u s-Soluzzjonijiet

L-AMC se tindirizza l-aspetti li ġejjin:

- it-twettiq ta' evalwazzjoni u l-irwol tal-assessor tat-taħriġ prattiku fit-taħriġ prattiku tat-TR u;
- il-konformità mar-rekwiżit tal-element prattiku bil-wiri ta' sillabu ddettaljat jew worksheets/ġurnal prattiċi (id-dokumenti li jridu jingħataw bħala xhieda għall-approvazzjoni tat-tip fil-liċenzja);
- iż-żamma tad-dokumenti li jridu jingħataw bħala xhieda tat-twettiq tat-taħriġ prattiku.

47. Il-parti prattika tat-TRT (it-tul taż-żmien)

Għalkemm il-parti prattika tat-TRT hija orjentata lejn il-“kontenut” (it-tabella fl-Appendiċi III għall-Parti-66) ikun xi jkun it-tul taż-żmien meħtieġ biex jitwettqu dawn il-kompiti, għall-ajruplani ta' aktar minn 30000 Kg (MTOM) it-tul taż-żmien għandu jkun mill-inqas 2 ġimgħat (10 jiem tax-xogħol) sakemm ma jkunx iġġustifikat sewwa lill-awtorità kompetenti. Dan se jkun parti minn AMC.

48. L-OJT

Kif kien spjegat qabel, fil-każ tal-ewwel TR f'(sotto)kategorija ta' liċenzja, min qed jingħata t-taħriġ se jkun meħtieġ iwettaq OJT f'ambjent tal-manutenzjoni reali. Il-kompiti tal-OJT li jridu jitlestew iridu jkunu rappreżentattivi tal-inġenji tal-ajru u s-sistemi kemm fil-kumplessità kif ukoll fit-tidħil tekniku li hu meħtieġ biex jitlesta dak il-kompitu.

AMC adattata se tinħareġ mill-Aġenzija biex tikkjarifika t-tifsira tal-kelma “rappreżentattiv”. Dan ser isir permezz tal-użu tal-Appendiċi II għall-AMC għall-Parti-66, li se jkun ukoll applikabbli għall-inġenji tal-ajru li jirrikjedu taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip.

L-OJT se jkun irreġistrat permezz ta' worksheets/ġurnali, li jridu jkunu prodotti minn min qed jingħata t-taħriġ.

Barra minn hekk, rapport ta' konformità minn assessor maħtur għandu jikkonferma li t-twettiq tal-OJT minn min qed jingħata t-taħriġ issodisfa r-rekwiżiti. L-assessor se jibbaża l-evalwazzjoni tiegħu fuq ir-rekords, li jkunu kontroffirmati kuljum, minnhom stess jew mis-superviżur(s) maħtur(a) inkarigat direttament mis-sorveljanza ta' kull komputu tal-OJT. L-irwol u l-kwalifiki tal-assessor u s-superviżur(s) maħtura se jkunu deskritti aktar fit-tul f'AMC.

49. Ir-responsabilitajiet tal-NAA relatati mal-approvazzjoni tat-tip

Il-punt 66.B.115 għall-Parti-66 kien emendat biex tingħata definizzjoni aħjar tar-responsabilitajiet tal-awtorità kompetenti meta tapprova l-klassifikazzjoni tat-tip.

Fost aspetti oħra kien iċċarat li, fil-każ tat-tieni approvazzjoni, jew approvazzjonijiet sussegwenti, tal-klassifikazzjoni tat-tip f'kategorija/sottokategorija ta' liċenzja, iċ-Ċertifikat tar-Rikonoxximent maħruġ minn organizzazzjoni tal-Parti-147 li jkopri taħriġ sħiħ fil-klassifikazzjoni tat-tip huwa biżżejjed għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tat-tip. Dan il-

punt kien inkluż minħabba n-nuqqas ta' rikonossiment reċiproku bejn l-Istati Membri, fejn ma kinitx osservata l-aċċettazzjoni awtomatika taċ-ċertifikat.

Meta t-taħriġ tat-tip jinqasam u jitwettaq f'organizzazzjonijiet differenti (tal-Parti-147 u/jew organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati jew approvazzjoni diretta ta' kors) l-awtorità għandha tkun sodisfatta li l-konnessjonijiet huma ttrattati kif meħtieġ.

50. L-eżami – Emendi żgħar addizzjonali biex isir jaqbel mat-tibdil ġenerali

Tqies ukoll xi titjib:

- It-tul tal-ħin tal-mistoqsijiet tal-eżami tal-klassifikazzjoni tat-tip inbidel minn taħlita ta' 75 u 120 sekonda għal 90 sekonda għal-livelli kollha biex tkun standardizzata l-ġenerazzjoni tal-mistoqsijiet.
- It-tibdil fin-numru ta' mistoqsijiet għal kull kapitolu
 - biex tkun issimplifikata s-sistema attwalment fis-seħħ u;
 - biex ikun ipproporzjonat għat-tul taż-żmien tat-taħriġ iddedikat għall-kwistjoni
 - Il-livell tal-mistoqsijiet tal-eżami jrid ikun ipproporzjonat għal-livell tat-taħriġ imwettaq.

Rigward l-eżami, m'hemmx aktar numru minimu ta' mistoqsijiet għal kull kapitolu kif kien propost qabel minħabba li xi partijiet interessati kkummentaw li ma kienx hemm fteieġa li sistematikament ikun hemm mistoqsija għal kull kapitolu meta n-natura tal-kwistjoni tibqa' sempliċi: għaldaqstant in-numru tal-mistoqsijiet irid ikun mill-inqas mistoqsija waħda għal kull siegħa ta' tagħlim u għandu jkun konsistenti ma':

- is-siġhat ta' taħriġ effettiv użati waqt it-tagħlim f'dak il-kapitolu u livell;
- l-oġettivi tat-tagħlim kif ingħataw mill-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ.

Barra minn hekk, il-marka minima biex wieħed jgħaddi mill-eżami hija ta' 75%. Dan ifisser li, meta l-eżami tat-taħriġ tat-tip jinqasam f'diversi eżamijiet, wieħed irid jgħaddi minn kull eżami b'marka ta' mill-inqas 75%. Biex ikun possibbli li wieħed jikseb eżattament il-marka ta' 75% sabiex jgħaddi mill-eżami, in-numru tal-mistoqsijiet fl-eżami jrid ikun multiplu ta' 4.

L-organizzazzjoni li tkun qed tmexxi l-kors għandha tipproponi d-distribuzzjoni tal-mistoqsijiet u l-livell skont ir-regola. Meta tapprova l-kors, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tevalwa n-numru u l-livell tal-mistoqsijiet, b'mod partikolari meta t-tul taż-żmien tat-tagħlim ikun inqas minn siegħa għal kapitolu speċifiku.

51. Taħriġ fid-differenzi

It-taħriġ fid-differenzi issa huwa ddefinit bħala t-taħriġ meħtieġ biex ikunu koperti d-differenzi bejn żewġ klassifikazzjonijiet tat-tip differenti ta' inġenji tal-ajru tal-istess produttur kif iddeterminat mill-Aġenzija.

It-taħriġ fid-differenzi jrid ikun iddefinit abbażi ta' każ b'każ billi wieħed iqis l-Appendiċi III fir-rigward tal-elementi teoretiċi flimkien mal-elementi prattiċi tat-taħriġ fil-klassifikazzjoni tat-tip.

Il-klassifikazzjoni tat-tip fuq liċenzja għandha tkun approvata biss wara t-taħriġ fid-differenzi meta l-applikant ikun konformi wkoll mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- tkun ġiet approvata diġà fil-liċenzja l-klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru li minnha qed ikunu identifikati d-differenzi, jew
- ikun lesta r-rekwiżiti tat-taħriġ tat-tip għall-inġenji tal-ajru li tagħhom qed ikunu identifikati d-differenzi.

Dawn id-dispożizzjonijiet, li kienu nieqsa fil-passat, issa huma deskritti f'66.A.45(k) bħala parti mir-rekwiżiti tat-TR.

52. Il-proċedura għall-approvazzjoni diretta tat-taħriġ tat-tip tal-inġenji tal-ajru

Għalkemm il-Parti-147 diġà fiha r-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet tal-Parti-147 biex jiżviluppaw korsijiet tat-taħriġ tat-tip, dan mhuwiex il-każ għall-korsijiet approvati direttament mill-awtorità kompetenti. Għaldaqstant, inħoloq il-punt ġdid 66.B.130 għall-Parti-66, li jitlob lill-awtorità kompetenti li jkollha proċeduri fis-seħħ biex tiżgura li l-korsijiet approvati b'mod dirett dwar il-klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenji tal-ajru jkunu konformi mal-Appendiċi III għall-Parti-66.

Aktar AMCs se jinħarġu mill-Aġenzija.

53. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji

Abbażi tal-elementi spjegati fuq, il-korsijiet tat-TR eżistenti kollha (il-kontenut, l-eżami u t-tul taż-żmien jekk applikabbli) se jkollhom ikunu riveduti biex ikun ivverifikat li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda. Madankollu, biex tkun żgurata tranżizzjoni mingħajr skossi, l-Aġenzija tipproponi li dan jista' jkun pospost għal 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda. Wara dik id-data, dawn il-korsijiet iridu jkunu konformi b'mod sħiħ mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament li jemenda, ħlief li m'hemmx hteġa li tiġi ppreżentata analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ (TNA) għall-korsijiet approvati qabel din id-data jekk it-tul taż-żmien tagħhom huwa diġà aktar mit-tul taż-żmien minimu deskritt fl-Appendiċi III għall-Parti-66.

Il-korsijiet ġodda kollha żviluppanti wara l-iskadenza ta' 15-il xahar iridu jkunu appoġġati minn TNA u l-oġettivi tat-tagħlim.

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ fil-manutenzjoni tal-Parti-147 approvati li japplikaw għall-approvazzjoni ta' korsijiet tat-TR ġodda jistgħu jagħżlu li ma japplikawx dan ir-Regolament li jemenda sa 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda. Mhijiex permessa l-implimentazzjoni parzjali ta' punti selettivi ta' dan ir-Regolament li jemenda.

Il-korsijiet tat-TR approvati skont ir-rekwiżiti applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda jistgħu jingħataw biss sa 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda. Madankollu, iċ-ċertifikati għal daww il-korsijiet tat-tip maħruġa mhux aktar tard minn 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda għandhom jitqiesu bħala maħruġa skont dan ir-Regolament li jemenda, li jfisser li ma jkunx jeħtieġ li l-kors ikun irrepitut.

L-applikanti għall-approvazzjoni inizjali ta' organizzazzjoni tat-taħriġ fil-manutenzjoni tal-Parti-147 li huma diġà suġġetti għall-proċess ta' investigazzjoni applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda, jibqgħu suġġetti għar-rekwiżiti applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda.

IV. Studju Regulatorju dwar l-Impatt

54. L-Istudju Regulatorju dwar l-Impatt sħiħ jinsab fl-NPA 2007-07.

Kolon, il-15 ta' Diċembru 2009

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv

ANNEX: Reazzjonijiet għas-CRD 2007-07**Reazzjonijiet relatati mal-kompitu 66.006 "Privileġġi B1 u B2":**

(1) Il-"MONARCH" issottomettiet il-kummenti li ġejjin:

- *Huma staqsew għaliex it-tabelli li fihom ir-rekwiżiti tat-taħriġ fil-Parti-66 ma jsegwux l-Ispesifikazzjoni 104 tal-Assoċjazzjoni tat-Trasport bl-Ajru (ATA104).*

L-Aġenzija tinnotta li għat-Taħriġ tat-Tip u t-Taħriġ fuq ix-Xogħol (Appendiċi III għall-Parti-66) l-ATA104 kienet segwita sa fejn kien prattiku li jsir dan. Madankollu, għall-Għarfien Bażiku (Appendiċi I għall-Parti-66) dan ma sarx biex tinżamm l-istruttura attwali tal-Appendiċi I.

- *Huma jikkumentaw li l-proposta tal-Aġenzija tippermetti li l-liċenzja B2 tinkludi l-liċenzja A, waqt li s-sillabu tal-B2 ma jkoprix b'mod sħiħ is-sillabu A.*

L-Aġenzija tinnotta hawnhekk li l-liċenzja B2 ma tinkludi l-ebda sottokategorija A (ara l-punt 66.A.20(a)3). Iżda kien inkluż, fil-punt 66.A.20(a)3(ii), privileġġ fil-liċenzja B2 taħt ċerti miżuri ta' kumpens.

- *Huma ma jaqblux mal-obbligu li tkun irripetuta l-esperjenza ta' 6 xhur biex jinżammu l-privileġġi deskritti f'66.A.20(a)3(ii) jekk id-detentur ta' liċenzja B2 jibdel il-kumpanija li timpjegah. Dan il-kumment wasal ukoll mingħand is-"CAA-NETHERLANDS".*

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li dan huwa assolutament meħtieġ minħabba li dan huwa wieħed mill-miżuri ta' kumpens talli wieħed ma jkollux l-għarfien bażiku sħiħ tal-kategorija A. L-intenzjoni tar-rekwiżit hija li tiżgura li d-detentur ta' liċenzja għandu 6 xhur esperjenza fuq il-kompiti partikolari li se jwettaq mal-kumpanija l-ġdida li impjegatu, li jistgħu jkunu differenti minn dawk tal-kumpanija li kien impjegat magħha qabel.

(2) **Persuna individwali ssottomettiet il-kummenti li ġejjin:**

- *Talbet li l-privileġġi li hemm fil-punt 66.A.20(a)3(ii) ikunu estiżi għall-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tas-Sottoparti F.*

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li dan il-privileġġ huwa limitat għall-organizzazzjonijiet tal-Parti-145, l-istess bħall-privileġġ għall-persunal li jiċċertifika tal-kategorija A fil-punt 66.A.20(a)1. L-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tas-Sottoparti F mhumiex intitolati li jużaw il-persunal li jiċċertifika tal-kategorija A għar-raġunijiet li ġejjin:

- *M'hemm l-ebda kunċett ta' Manutenzjoni tal-Linja jew tal-Bażi fil-Parti-M, Sottoparti F.*
- *M'hemm l-ebda kunċett ta' Stazzjonijiet tal-Linja fil-Parti-M, Sottoparti F.*
- *M'hemm l-ebda rekwiżit għal Sistema ta' Kwalità għall-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tas-Sottoparti F biex jikkontrollaw tali tip ta' kwalifiki u awtorizzazzjonijiet.*
- *Issuġġeriet li jkun ittrasferit minn B1 għal B2 il-privileġġ li hemm fl-AMC 66.A.20(a), li jippermetti t-tweġġiq ta' kontrolli pitot-static, minħabba t-testijiet kumplessi meħtieġa meta jkunu ttestjati s-sistemi EFIS tad-dejta tal-ajru kkonnettjati elettronikament ma' transponder u l-awtobdoti.*

L-Aġenzija taqbel mal-kumment u l-AMC 66.A.20(a) se tkun emendata biex taqra:

"L-istrumenti huma formalment fil-privileġġi tad-detenturi ta' liċenzja B2. Madankollu, komponenti elettromekkaniċi u pitot-static jistgħu jinħarġu wkoll minn detentur ta' liċenzja B1."

- Ikummentat li l-privileġġi ta' detentur ta' liċenzja B2 tnaqqsu fil-grad minħabba l-introduzzjoni tal-privileġġi li hemm fil-punt 66.A.20(a)3(ii) biex titwettaq "manutenzjoni tal-linja skedata minuri u r-rettifika ta' difetti sempliċi".

L-Aġenzija tinnota li l-privileġġi ma tnaqqsu imma ġew mgħollija fil-grad. Id-detentur ta' liċenzja jżomm il-privileġġi kollha tal-B2 li kellu qabel u, b'żieda magħhom, huwa jkiseb il-"manutenzjoni tal-linja skedata minuri u r-rettifika ta' difetti sempliċi" għall-kompiti li ma kinux fil-privileġġi tiegħu.

- (3) "THOMAS COOK AIRCRAFT ENGINEERING" ikkummentat li l-privileġġ il-ġdid inkluż fis-66.A.20(a)3(i) għad-detenturi ta' liċenzja B2, li jippermettilhom li joħroġu kompiti tal-elettriku u avjoniċi fis-sistemi tal-impjant tal-enerġija u mekkaniċi, huwa limitat għal kompiti li jirrikjedu testijiet sempliċi biex tingħata prova li jistgħu jissewew. Din l-organizzazzjoni tgħid ukoll li dan ifisser li jekk it-test meħtieġ mhuwiex sempliċi, il-kompitu ma jistax jinħareġ la minn detentur ta' liċenzja B2 u lanqas minn detentur ta' liċenzja B1 minħabba li d-detentur ta' liċenzja B1 jista' joħroġ biss kompiti avjoniċi jekk it-test ikun sempliċi.

L-Aġenzija hawnhekk tikkjarifika li detentur ta' liċenzja B1 jista' joħroġ dawn il-kompiti. Jekk jogħġbok innota li qed nitkellmu dwar "kompiti tal-elettriku u avjoniċi fis-sistemi tal-impjant tal-enerġija u mekkaniċi". Il-privileġġi ta' detentur ta' liċenzja B1 jinkludu l-ħruġ ta' xogħol imwettaq fuq is-sistemi tal-impjant tal-enerġija u mekkaniċi, indipendentement min-natura speċifika tal-kompitu. Il-limitazzjoni imposta fuq id-detenturi ta' liċenzja B1 taffettwa l-ħruġ tas-sistemi avjoniċi meta l-kompitu ma jkunx sempliċi, imma għal darb'oħra, m'aħniex nitkellmu dwar sistemi avjoniċi, imma sistemi tal-impjant tal-enerġija u mekkaniċi.

- (4) Persuna individwali talbet li fil-Modulu 13 tal-Appendiċi I għall-Parti-66, il-livell tat-taħriġ għal detentur ta' liċenzja B2 għall-"kontrolli tat-titjir" jinbidel minn livell 1 għal livell 2 biex ikun konformi mal-livell meħtieġ għall-element teoretiku tat-taħriġ tat-tip.

L-Aġenzija qablet mal-kumment u bidlet dan is-suġġett għal livell 2.

- (5) Persuna individwali pproponiet li fil-Modulu 11.11 "Enerġija Idrawlika" ikun inkluż suġġett imsejjaħ "Filtri" u fil-Modulu 11.13 "Apparat tal-Inżul" ikun inkluż suġġett imsejjaħ "Air-ground sensing".

L-Aġenzija qablet mal-kumment u emendat il-Modulu 11A (submoduli 11.11 u 11.13), il-Modulu 11B (submoduli 11.11 u 11.13), il-Modulu 12 (submoduli 12.12 u 12.14) u l-Modulu 13 (submodulu 13.14 u 13.16) fl-Appendiċi I għall-Parti-66.

- (6) "TYROLEAN AIRWAYS" talbet li tinbidel il-kelma ... "partijiet" avjoniċi... fil-punt 66.A.20(a)3(i) bil-kelma ... "tagħmir" avjoniku... . Iċ-"CAA-NETHERLANDS" ipproponiet il-kelma "kompiti".

Biex tiċċara li l-privileġġ addizzjonali huwa marbut man-natura tal-kompiti, l-Aġenzija ppreferiet li tbiddel il-kliem tal-paragrafu biex issa jipprovdi:

"kompiti tal-elettriku u avjoniċi fis-sistemi tal-impjant tal-enerġija u mekkaniċi, li jeħtieġu testijiet sempliċi biex tingħata prova li jistgħu jissewew"

- (7) Persuna individwali talbet li titneħħa l-limitazzjoni fuq in-numru ta' stadji li hemm fis-definizzjoni ta' "test sempliċi" fl-AMC 66.A.20(a). Din il-persuna talbet ukoll kjarifika dwar jekk test, li r-riżultat tiegħu jinkludi l-qari li valur jinsab fi ħdan tolleranza mogħtija, għandux jitqies bħala mhux sempliċi.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li t-tul tat-test huwa marbut fil-maġġoranza tal-każijiet mal-kumplessità tiegħu. Għal dawk il-każijiet partikolari fejn test itwal b'mod ċar huwa sempliċi, dan jista' jkun maqbul mal-awtorità kompetenti minħabba li din hija AMC, u AMCs oħra jistgħu jkunu proposti mill-awtorità kompetenti jew mill-organizzazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni mistoqsija, il-fatt li t-test jinkludi l-qari ta' valur fi ħdan tolleranza mogħtija ma jiskwalifikax bħala sempliċi, sakemm din it-tolleranza kienet stabbilita mid-dejta tal-manutenzjoni u mhux mid-detentur tal-liċenzja. Dan se jkun iċċarat aktar fl-AMC 66.A.20(a).

- (8) "CAA-SWEDEN" topponi l-privileġġ propost mill-Aġenzija fil-punt 66.A.20(a)3(ii), li jippermetti lid-detenturi ta' liċenzja tal-kategorija B2 li jkollhom il-privileġġ li jwettqu "manutenzjoni tal-linja skedata minuri u r-rettifika ta' difetti sempliċi". Huma jargumentaw li l-liċenzja tal-kategorija B2 m'għandhiex sottokategoriji, kontra dak li jiġri fil-liċenzja tal-kategorija A. Barra minn hekk, huma jemmnu li dan jista' jkun l-istess bħat-tneħħija tal-liċenzja tal-kategorija A u l-għoti tal-privileġġi tagħha kważi lil kwalunkwe persuna b'liċenzja tal-Parti-66 unikament skont il-ġudizzju tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li toħroġ l-awtorizzazzjoni.

L-Aġenzija tinnotta li l-privileġġi l-ġodda mogħtija lid-detenturi ta' liċenzja B2 huma aktar ristretti u jingħataw skont rekwiżiti aktar stretti minn dawk għal liċenzja tal-kategorija A. Minħabba f'hekk, mhijiex l-intenzjoni li tkun eliminata l-liċenzja tal-kategorija A.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tgħaraf li l-liċenzja B2 m'għandhiex sottokategoriji. Dik hija waħda mir-raġunijiet għal-limitazzjoni tal-privileġġi għat-tipi ta' ingeni tal-ajru diġà approvati fil-liċenzja B2. Dan huwa s-supplimentat b'miżuri ta' kumpens addizzjonali biex ikun żgurat li d-detentur ta' liċenzja B2 għandu l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa biex jikkumpensaw għan-nuqqasijiet inizjali fl-għarfien bażiku.

Barra minn hekk, l-għarfien bażiku li hemm fil-Modulu 13 tal-Appendiċi I għall-Parti-66 kien emendat biex ikopri s-sistemi mekkaniċi.

- (9) "CAA-SWEDEN" talbet kjarifika dwar x'għandha tiftiehem li tkopri s-6 xhur esperjenza meħtieġa f'66.A.45(b) (impjeg full-time jew sempliċiment xogħol okkażjonali fuq kompiti speċifiċi matul il-qafas taż-żmien meħtieġ).

L-Aġenzija se tispjega aktar dan is-suġġett fl-AMC 66.A.45(b).

- (10) "CAA-NETHERLANDS" temmen li s-sistemi tal-ħruġ tal-liċenzji li jirriżultaw mis-CRD 2008-03 u s-CRD 2007-07 huma kumplessi ħafna u huma jipproponu li jimbeda kompitu biex issir struttura mill-ġdid u biex tissimplifika s-sistema kollha tal-ħruġ tal-liċenzji.

L-Aġenzija tinnotta l-kumment.

- (11) "CAA-NETHERLANDS" ikkumentat li l-privileġġ il-ġdid mogħti lid-detenturi ta' liċenzja B2 biex joħroġu kompiti avjoniċi u tal-elettriku fis-sistemi tal-impjant tal-enerġija u mekkaniċi, għandu jkun applikabbli biss għal dawk is-sistemi koperti minn taħriġ tat-tip livell 3, għalkemm huma kkumentaw ukoll li l-fatt li l-privileġġi huma limitati għal kompiti li jirrikjedu testijiet sempliċi, jista' jiġġustifika li jkun hemm livell ta' taħriġ aktar baxx.

L-Aġenzija tinnotta li kemm l-Appendiċi I kif ukoll l-Appendiċi III għall-Parti-66, kienu emendati biex ikopru ż-żieda fil-privileġġi. Il-livell 3 sar meħtieġ għas-suġġetti kollha fejn id-detentur ta' liċenzja B2 huwa tipikament involut, bħal "L-Indikazzjonijiet u t-Twissijiet", "Il-Kontroll", eċċ. Suġġetti oħra marbuta aktar mal-istruttura u l-konfigurazzjoni fiżika ta' dawn is-sistemi nżammu fil-livell 1 jew 2. Barra minn hekk, kif enfasizzaw is-"CAA-NETHERLANDS", hemm limitazzjoni fuq il-privileġġi għal kompiti li jirrikjedu testijiet sempliċi biss.

- (12) "CAA-NETHERLANDS" ipprononiet li 66.A.45(a) u (b) jinkitbu mill-ġdid biex jidhru aktar bħal xulxin.

L-Aġenzija tinnotta li mhuwiex possibbli li tagħmel liż-żewġ paragrafi aktar simili għal xulxin minħabba l-miżuri ta' kumpens, introdotti f'66.A.45(b) biex jingħata l-privileġġ lid-detentur ta' liċenzja B2 li joħroġ "manutenzjoni tal-linja skedata minuri u r-rettifika ta' difetti sempliċi".

- (13) "CAA-NETHERLANDS" talbet kjarifika ulterjuri dwar jekk eżami mill-ġdid huwiex meħtieġ għall-privileġġi l-ġodda. B'mod partikolari, pereżempju, meta d-detentur ta' liċenzja B1.1 jitlob estensjoni għal B1.2.

L-Aġenzija emendat l-Artikolu 7.9(a) ulterjorment skont kif ġej:

"Persuni li huma detenturi ta' liċenzja tal-Parti-66 valida f'kategorija/sottokategorija partikolari qabel (15-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ) għandhom awtomatikament jiksbu l-privileġġi, deskritti fil-punt 66.A.20(a) emendat, korrispondenti għal tali kategorija/sottokategorija. Ir-rekwiżiti tal-għarfien bażiku korrispondenti għal dawn il-privileġġi ġodda għandhom jitqiesu sodisfatti għall-iskop tal-estensjoni ta' tali liċenzja għal kategorija/sottokategorija ġdida".

Minħabba f'hekk, jekk persuna diġà għandha liċenzja B.1.1 qabel l-iskadenza stabbilita hawn fuq, din il-persuna għandha żżomm il-privileġġi tal-liċenzja B.1.1 mingħajr ma jkollha twettaq eżami fuq id-differenzi introdotti fl-Appendiċi I għall-Parti-66. Barra minn hekk, dawn id-differenzi se jkunu kkreditati bl-iskop tal-estensjoni tal-liċenzja B.1.1 għal kategoriji/sottokategoriji oħra, anki jekk l-estensjoni titwettaq wara l-iskadenza stabbilita hawn fuq.

- (14) "CAA-NETHERLANDS" ikkumentat li detentur ta' liċenzja B2 għandu jikseb il-privileġġi sħaħ tal-kategorija A minflok ikun limitat għal dawk il-klassifikazzjonijiet tat-tip diġà approvati fil-liċenzja. Huma jiġġustifikaw dan bil-fatt li n-nuqqas tad-detenturi ta' liċenzja B2 huwa fl-għarfien bażiku, li mhuwiex relatat mat-tip tal-inġenju tal-ajru.

L-Aġenzija ma taqbilx mal-proposta minħabba li din il-limitazzjoni kienet introdotta bħala waħda mill-miżuri ta' kumpens. L-Aġenzija tqis li huwa aktar probabbli li detentur ta' liċenzja B2 ikollu għarfien aħjar tal-kompiti mekkaniċi għal dawk it-tipi tal-inġenji tal-ajru diġà approvati fil-liċenzja, fejn huwa rċieva t-taħriġ tat-tip u fejn huwa tipikament involut fil-manutenzjoni.

- (15) "CAA-NETHERLANDS" talbet li l-privileġġi tal-persunal li jiċċertifika tal-kategorija A għandhom jinkludu l-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet sakemm dan ikun fi ħdan il-privileġġi tagħhom ta' kompiti sempliċi. Huma jiġġustifikaw dan bil-fatt li d-difetti kollha jeħtieġu xi grad ta' identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet qabel ma tkun tista' sseħħ ir-rettifika.

L-Aġenzija ma taqbilx li d-difetti kollha jeħtieġu l-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet. Pereżempju:

- It-tibdil tar-roti (jekk it-tajers ikunu ttieklu).
- It-tibdil tal-unitajiet tal-brejkijiet tar-roti (jekk il-brejkijiet ikunu ttieklu).
- It-tibdil tal-wajpers tal-windskrin (jekk ma jnaddfux sewwa).
- It-tibdil tal-ftejjel tal-elettriċita' statika (jekk miksura jew nieqsa).

- (16) L-"ASSOĊJAZZJONI TAT-TEKNIXINS TAL-AVJAZZJONI OLANDIŻI (NVLT)" issottomettiet il-kummenti u l-mistoqsijiet li ġejjin:

- *L-NVLT ikkummentat li l-Mistoqsijiet li Jsiru ta' Spiss (FAQ) li hemm fil-websajt tal-EASA jindikaw li "l-persunal li jiċċertifika tal-kategorija A huwa permess iwettaq kwalunkwe identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet jew li jiddiferixxi difett fil-firxa tal-awtorizzazzjoni tal-persunal li jiċċertifika", waqt li t-test propost tas-CRD2007-07 juri li l-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet m'għandhiex tkun permessa.*

L-Aġenzija tinnota li l-Mistoqsija li Ssir ta' Spiss (FAQ) Nru 34 fil-websajt tal-EASA titkellem biss dwar "diferiment" u mhux dwar "identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet".

- L-NVLT ma qablitx mat-tweġiba mogħtija fis-CRD2007-07 għall-kumment #311 tagħhom. Huma jistaqsu għaliex l-Aġenzija wiegħbet għall-kumment bil-kelma "INNOTAT" u titlob li l-Aġenzija twieġeb il-mistoqsijiet kollha magħmula fil-kumment.

L-Aġenzija wiegħbet għall-kumment bil-kelma "INNOTAT" għaliex il-kumment ma kienx fih xi talba għal tibdil fir-regola jew fil-materjal AMC/GM.

Barra minn hekk, kien hemm mistoqsija waħda biss magħmula fil-kumment, u għal din l-Aġenzija tat tweġiba. Il-bqija tal-kumment kien kopja preċiża ta' mistoqsijiet u tweġibiet ikkupjati mill-websajt tal-EASA.

- L-NVLT ikkummentat li jekk il-proposta l-ġdida ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet, kif jista' l-persunal li jiċċertifika tal-kategorija A jidentifika s-sors ta' problema meta jiddiferixxi tagħmir deskritt fil-MEL.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li l-persunal li jiċċertifika tal-kategorija A m'għandux jiddiferixxi d-difetti li jirrikjedu l-identifikazzjoni tas-sors tal-problema. Din il-persuna għandha tiddiferixxi biss tagħmir MEL li jista' jkun iddiferit mingħajr ma titwettaq identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet, pereżempju:

- Diferiment tat-tibdil ta' ftala tal-elettriċita' statika (jekk miksura jew nieqsa).
- Diferiment tat-tibdil ta' tagħmir ta' emerġenza bil-ħsara (meta permess mill-MEL)

Madankollu, id-dikjarazzjoni li "l-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet m'għandhiex tkun permessa" tinsab fl-AMC 145.A.30(g), li jfisser li AMC's oħra jistgħu jkunu proposti mill-awtorità kompetenti jew mill-organizzazzjonijiet sakemm il-kompitu partikolari ikun b'mod ċar fil-kompetenza tal-persunal li jiċċertifika tal-kategorija A.

- L-NVLT talbet kjarifika dwar il-persunal li jiċċertifika tal-kategorija A fir-rigward tad-differenza bejn id-diferiment ta' kompitu u r-rettifika ta' tali kompitu.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija ċara fl-AMC 145.A.30(g):

- Id-diferiment ta' difetti huwa permess skont il-punt (q) fil-paragrafu 2, li jfisser li meta m'hemmx hteieġa ta' identifikazzjoni ta' problemi u soluzzjonijiet, il-kompitu huwa fil-MEL u l-azzjoni ta' manutenzjoni meħtieġa mill-MEL tkun maqbula li hija sempliċi mill-awtorità kompetenti.
- Ir-rettifika ta' tali difett iddeferit tista' tinħareġ sakemm il-kompitu jinsab fil-lista inkluża fil-paragrafu 2, li jinkludi l-punt (q). Dan il-punt jippermetti l-ħruġ ta' kwalunkwe kompitu ieħor maqbul bħala kompitu sempliċi mill-awtorità kompetenti.

Dan ifisser li anki jekk l-awtorità kompetenti taqbel li l-azzjoni tal-manutenzjoni meħtieġa biex ikun iddiferit difett hija sempliċi, l-awtorità kompetenti tista' taqbel jew ma taqbilx li l-azzjoni tal-manutenzjoni għar-rettifika ta' tali difett hija sempliċi.

- L-NVLT staqsiet jekk persunal li jiċċertifika B1 jistax jiddiferixxi difetti f'sistemi / komponenti avjoniċi u jekk persunal li jiċċertifika B2 jistax jiddiferixxi difetti f'sistemi / komponenti mekkaniċi.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li dan mhuwiex possibbli.

- L-NVLT talbet kjarifika dwar jekk il-bdot jistax jiddiferixxi t-tagħmir MEL li jirrikjedi azzjoni ta' manutenzjoni u jekk "l-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet" titqisx bħala "manutenzjoni". L-NVLT talbet ukoll kjarifika dwar jekk "test sempliċi" jitqisx bħala parti mill-"identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet".

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li meta l-MEL tirrikjedi li titwettaq azzjoni kklassifikata bħala "manutenzjoni" skont il-MEL, f'dan il-każ hemm il-ħteieġa ta' ħruġ mill-persunal li jiċċertifika adattat. L-Aġenzija hawnhekk tinnotta li l-AMC 145.A.30(j)(4) tippermetti li tinħareġ lill-kmandant awtorizzazzjoni limitata tal-persunal li jiċċertifika.

Barra minn hekk, "l-identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet" titqies bħala "manutenzjoni" u bħala tali tirrikjedi l-ħruġ għall-użu. Madankollu, dan mhuwiex applikabbli jekk tali azzjoni hija parti mill-MEL u l-azzjoni ma tkunx ġiet identifikata fil-MEL bħala "manutenzjoni". Il-kmandant jista' jiddiferixxi kwalunkwe tagħmir permess mill-MEL sakemm ma jkunx jinkludi kwalunkwe azzjoni kklassifikata mill-MEL bħala "manutenzjoni".

Fir-rigward tat-"test sempliċi", il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li hemm każijiet fejn dan ma jitqisx bħala parti mill-"identifikazzjoni tal-problemi u s-soluzzjonijiet", pereżempju, meta t-test sempliċi jitwettaq wara t-tibdil ta' Unità tal-Linja li tista' Tinbidel (LRU) biex ikun iddeterminat jekk tistax tisewwa.

- L-NVLT ikkumentat li d-definizzjoni ta' "Manutenzjoni tal-Linja" li hemm fl-AMC 66.A.20(a) fiha s-sentenza "kwalunkwe manutenzjoni li titwettaq qabel it-titjira biex ikun żgurat li l-inġenju tal-ajru huwa kapaċi jwettaq it-titjira intenzjonata". Fl-opinjoni tagħhom din hija inkonsistenza minħabba li d-definizzjoni ta' "Spezzjoni ta'

Qabel it-Titjira" ipprovduta fl-EC2042/2003, Artikolu 2(j), tinkludi wkoll is-sentenza "l-ispezzjoni mwettqa qabel it-titjira biex ikun żgurat li l-inġenju tal-ajru huwa kapaċi jwettaq it-titjira intenzjonata". Barra minn hekk, "Spezzjoni ta' Qabel it-Titjira" ma titqisx bħala manutenzjoni.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li m'hemm l-edba inkonsistenza jew kontradizzjoni. Biex ikun żgurat li "inġenju tal-ajru huwa kapaċi jwettaq it-titjira intenzjonata" hemm affarijiet oħra li jridu jitwettqu qabel l-"Ispezzjoni ta' Qabel it-Titjira". Huwa meħtieġ li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-M.A.201(a) u M.A.708(b), li jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħra, it-twettiq tal-manutenzjoni kollha meħtieġa mill-programm tal-manutenzjoni u r-rettifika tad-difetti.

L-"Ispezzjoni ta' Qabel it-Titjira" hija l-aħħar stadju biex ikun żgurat li "l-inġenju tal-ajru huwa kapaċi jwettaq it-titjira intenzjonata" u tinkludi wkoll il-verifika tal-Ġurnal Tekniku u l-konformità mal-proċeduri tal-operatur biex ikun żgurat li l-istadji preċedenti kollha jkunu tlestew (inkluża l-manutenzjoni).

Skont l-EU-OPS 1.290, fl-aħħar mill-aħħar il-kmandant huwa responsabbli għall-aċċettazzjoni tal-inġenju tal-ajru qabel it-titjira. Dik hija r-raġuni għall-kaxxa inkluża fil-Ġurnal Tekniku fejn il-kmandant jirreġistra li "l-inġenju tal-ajru huwa kapaċi jwettaq it-titjira intenzjonata".

Reazzjonijiet relatati mal-kompitu 66.009 "Klassifikazzjonijiet tat-Tip u tal-Grupp":

- (17) "HELICOPTERS ITALIA" ikkumentat li, skont il-proposta tal-Aġenzija, liċenzja B2 għal inġenju tal-ajru tal-Grupp 2 tista' tkun approvata biss bil-"klassifikazzjonijiet tat-tip individwali" u l-"klassifikazzjonijiet tas-sottogrupp sħiħ". Huma jipproponu l-possibilità li jkun approvati l-"klassifikazzjonijiet tas-sottogrupperi tal-produtturi" minħabba li xi detenturi ta' liċenzja B2 jistgħu jkunu qed jaħdmu biss fuq inġenji tal-ajru ta' produttur speċifiku u jkun diffiċli għalihom li juru esperjenza rappreżentattiva tas-sottogrupp sħiħ.

L-Aġenzija qablet mal-proposta u mmodifikat il-paragrafu 66.A.45(d). Dan wassal biex il-paragrafu preċedenti 66.A.45(e) ma jkunx aktar meħtieġ. Twettqet numerazzjoni mill-ġdid b'mod sħiħ tal-paragrafi differenti fil-punt 66.A.45. It-tabella li hemm f'GM66.A.45 se tkun immodifikata kif meħtieġ biex taqbel mat-tabella murija f'din in-nota ta' spjegazzjoni.

- (18) Is-"CAA-UNITED KINGDOM" ikkumentat li fit-tweġiba għall-kumment #331 tas-CRD2007-07 l-Aġenzija wieġbet li t-taħriġ fuq tagħmir avjoniku speċifiku kien ir-responsabilità tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni, li fil-fehma tagħha tikkontradixxi l-AMC 147.A.300, li tippermetti li t-taħriġ tat-tip ikun subdiviż biex ikunu pprovduti "sistemi avjoniċi".

L-Aġenzija tinnota li l-proposta magħmula mis-"CAA-UNITED KINGDOM" fil-kumment #331 inkludiet il-ħolqien ta' klassifikazzjonijiet tat-tip B2 abbażi tal-installazzjonijiet tat-tagħmir għall-inġenji tal-ajru fl-ispettru iżgħar. Pereżempju s-sistema avjonika integrata Primus 1000.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija qed tinżamm. Mhuwiex meħtieġ li jinħolqu klassifikazzjonijiet differenti abbażi tal-installazzjoni tat-tagħmir għall-Grupp 2 u Grupp 3 minħabba li t-tagħmir ta' produtturi differenti fil-maġġoranza tal-każijiet huwa simili u jitqies li huwa biżżejjed biex tintwera esperjenza rappreżentattiva tal-grupp/sottogrupp mitlub. Imbagħad hija r-responsabilità tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li timpjega lil dik il-persuna li tevalwa l-kompetenza tagħha u tipprovdri kwalunkwe taħriġ addizzjonali li jinstab li huwa meħtieġ. Dan it-taħriġ jista' jitwettaq f'organizzazzjoni tal-Parti-147 imma, minflok ikun

parti mir-reqwiziti tal-ħruġ tal-liċenzja, ikun parti mir-reqwiziti għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni tal-persunal li jiċċertifika.

- (19) "BRITISH AIRWAYS ENGINEERING" ipproponiet li l-inġenji tal-ajru tat-trasport tal-pubbliku jitqiesu bħala grupp separat mill-inġenji tal-ajru tat-trasport tal-merkanzija bl-iskop li jkunu ddefiniti l-klassifikazzjonijiet li jinsabu fil-"Lista tal-Klassifikazzjonijiet tat-Tip" tal-Appendiċi I għall-AMC għall-Parti-66. Huma jemmnu li jekk il-varjanti tat-trasport tal-merkanzija u l-varjanti tat-trasport tal-pubbliku jkunu inklużi fl-istess klassifikazzjoni, kif attwalment jiġri, ikun diffiċli jekk mhux impossibbli għal-linji tal-ajru li jkollhom it-taħriġ għall-varjant li huma ma joperawx.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li mhuwiex neċessarju li jitwettaq it-taħriġ tat-tip għall-varjanti kollha li jinsabu fil-klassifikazzjoni tat-tip speċifika biex tkun approvata l-klassifikazzjoni sħiħa. Fil-fatt, meta l-Aġenzija tiddeċiedi li żewġ varjanti jistgħu jkunu inklużi fl-istess klassifikazzjoni tat-tip fl-Appendiċi I għall-AMC għall-Parti-66, dan iseħħ minħabba li l-Aġenzija temmen li ż-żewġ varjanti huma qrib biżżejjed ta' xulxin mill-aspett tal-manutenzjoni, u m'hemmx ħtieġa għal taħriġ fid-differenza għall-iskop tal-ħruġ ta' liċenzja. Malli varjant ikun inklużi fil-liċenzja, il-varjant l-ieħor jista' jkun approvat awtomatikament.

Madankollu, dan ma jfissirx li l-persuna tista' tikseb awtorizzazzjoni tal-persunal li jiċċertifika fuq il-varjant li fuqu ma ġietx imħarrġa. Din hija r-responsabilità tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni li timpjega lil dik il-persuna jew tad-detentur tal-liċenzja nnifsu jekk huwa jaġixxi bħala persunal li jiċċertifika indipendenti. Dan kien iċċarat fil-paragrafu 66.A.20(b)3 u l-AMC assoċjata 66.A.20(B)3.

Bħala konsegwenza, l-Aġenzija hija tal-opinjoni li mhuwiex meħtieġ li tissepara l-varjanti kif propost mill-"BRITISH AIRWAYS ENGINEERING".

- (20) "DGAC-FRANCE" ipproponiet li titħassar ir-referenza li tidher fil-punt 15 tal-Appendiċi V għall-Parti-66 fejn tgħid li l-limitazzjonijiet approvati fil-liċenzja huma esklużjonijiet mill-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni. Hija tipproponi li din tinbidel b'materjal AMC li jispjega li l-limitazzjonijiet għandhom jinkitbu biex ikun ċar jekk humiex privileġġi taċ-ċertifikazzjoni jew esklużjonijiet mill-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni. Ir-raġuni hija li f'xi każijiet l-awtorità kompetenti tista' tkun diġà ħarġet liċenzji fejn il-limitazzjonijiet li ġejjin mill-konverżjoni tal-kwalifiki nazzjonali jfissru privileġġi taċ-ċertifikazzjoni.

Madankollu, "DGAC-FRANCE" tappoġġa l-idea li l-limitazzjonijiet approvati fl-applikazzjoni tal-paragrafu 66.A.45 jitqiesu bħala kompiti li huma esklużi mill-privileġġi taċ-ċertifikazzjoni.

Kumment simili wasal mis-"CAA-NETHERLANDS".

L-Aġenzija taqbel li hemm xi inkonsistenzi fir-regolament. Pereżempju:

- 66.B.305 tirreferi għal "*eżamijiet meħtieġa biex tkun żgurata konverżjoni mingħajr limitazzjonijiet*", li jfisser li limitazzjoni tirreferi għal kompiti li ma jistgħux ikunu ċċertifikati.
- Il-Punt 15 fil-liċenzja tal-Parti-66 (Appendiċi V għall-Parti 66) jgħid li "*jekk m'hemm l-ebda limitazzjoni applikabbli, il-paġna tal-LIMITAZZJONIJIET se tinħareġ bid-dikjarazzjoni "Ebda limitazzjoni"*". Dan ifisser, għal darb'oħra, li limitazzjoni tirreferi għal kompiti li ma jistgħux ikunu ċċertifikati.
- Il-Parti-145 tuża l-limitazzjonijiet biex tirrestrinġi l-firxa tal-attivitajiet, li jfisser li limitazzjoni tirreferi għall-kompiti li jistgħu jkunu ċċertifikati.

Għalkemm l-Aġenzija ddeċidiet li tiddikjara li l-limitazzjonijiet approvati f'liċenzja B3 huma kompiti li ma jistgħux ikunu ċċertifikati, aħna naqblu li f'ċerti każijiet jista' jkun aktar prattiku li tirreferi għal kompiti li jistgħu jkunu ċċertifikati, pereżempju meta l-privileġġi huma żgħar ħafna meta mqabbla mal-kompiti li mhumiex awtorizzati. F'dawk il-każijiet, mhuwiex prattiku li telenka l-kompiti kollha li ma jistgħux ikunu ċċertifikati.

Fil-ġejjieni, tista' tkun meħtieġa aktar regolamentazzjoni biex ikunu indirizzati dawn l-inkonsistenzi kollha.

- (21) "CAA-NETHERLANDS" talbet lill-Aġenzija biex tkun żgurata standardizzazzjoni fl-UE bid-definizzjoni, fil-"Lista tal-Klassifikazzjonijiet tat-Tip", tal-klassifikazzjonijiet kollha u l-klassifikazzjonijiet tal-grupp li jridu jkunu approvati fil-liċenzji tal-Parti-66.

L-Aġenzija se tqis din il-proposta għar-reviżjoni annwali li jmiss tal-"Lista tal-Klassifikazzjonijiet tat-Tip" (Appendiċi I għall-AMC għall-Parti-66).

- (22) "CAA-NETHERLANDS" ipproponiet li tkun eliminata l-għażla li jkun hemm "Klassifikazzjonijiet tat-Tip Individwali" għall-inġenji tal-ajru tal-Grupp 3. Hija assumiet li dawn il-"Klassifikazzjonijiet tat-Tip Individwali" se jkunu suġġetti għall-istess limitazzjonijiet bħall-Grupp 3.

L-Aġenzija tinnota li l-limitazzjonijiet huma applikabbli biss għal-liċenzja B1.2 għall-inġenji tal-ajru tal-Grupp 3, imma mhux fil-każ tal-"Klassifikazzjonijiet tat-Tip Individwali". Irraġuni hija li biex tinkiseb "Klassifikazzjoni tat-Tip Individwali" huwa meħtieġ li jitlestha l-element prattiku tat-taħriġ tat-tip jew, jekk ma jitwettaqx taħriġ tat-tip, l-esperjenza prattika meħtieġa wara l-eżami tat-tip.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tinnota li l-għażla li jinkisbu l-"Klassifikazzjonijiet tat-Tip Individwali" se tinżamm biex tingħata flessibilità lil dawk id-detenturi ta' liċenzja li jaħdmu biss fuq tip partikolari ta' inġenju tal-ajru li mhuwiex rappreżentattiv tal-Grupp 3 b'mod sħiħ.

- (23) "CAA-NETHERLANDS" talbet li l-esperjenza fuq inġenji tal-ajru tal-Grupp 1 u 2 tista' tikkontribwixxi għall-esperjenza meħtieġa biex tinkiseb klassifikazzjoni tal-Grupp 3.

L-Aġenzija taqbel mal-proposta u se timmodifika l-AMC66.A.45(g)(3) u (h) kif meħtieġ.

Reazzjonijiet relatati mal-kompitu 66.011 "Taħriġ tat-Tip":

- (24) "AIRBUS SAS", "AIR FRANCE", "DGAC-FRANCE", "BRITISH AIRWAYS ENGINEERING", "FLIGHT SAFETY INTERNATIONAL" u "KLM ENGINEERING AND MAINTENANCE" issottomettew diversi kummenti rigward il-kontenut tal-elementi teoretiċi u prattiċi tat-Taħriġ fil-Klassifikazzjoni tat-Tip (TRT) kif deskritti fil-paragrafi 2.1(e) u 2.2(b) tal-Appendiċi III għall-Parti-66.

Fir-rigward tal-livell tat-taħriġ jew in-natura tal-kompiti, l-Aġenzija qablet mal-maġġoranza tas-suġġerimenti u kkoreġiet il-kompiti kif meħtieġ.

Fir-rigward tal-kontenut tat-tabella tal-element prattiku, tliet organizzazzjonijiet semmew li l-volum tal-kompiti kien ġeneruż wisq u għaldaqstant ma kienx realistiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompiti tat-tneħħija u l-installazzjoni, li jieħdu ħafna ħin. L-Aġenzija qablet

mal-kumment u naqqset il-kontenut billi daħħlet xi flessibilità: minflok il-punti mmarkati kollha, issa huwa meħtieġ li mill-inqas 50% għandhom jitlestew bħala parti mit-taħriġ prattiku.

Ingħad ukoll li għandhom jitlestew biss il-punti li huma rilevanti għal tip ta' inġenju tal-ajru partikolari.

- (25) II-"KUMITAT EWROPEW TAT-TAĦRIĠ FIL-MANUTENZJONI TAL-INĠENJI TAL-AJRU (EAMTC), il-"FLIGHT SAFETY INTERNATIONAL" u persuna individwali talbu kjarifiki u esprimew xi tħassib rigward it-tul taż-żmien tal-elementi teoretiċi tat-TRT, b'mod partikolari rigward in-numru massimu tas-siġhat tat-tagħlim kull ġurnata. Wara li qieset il-ġustifikazzjoni tal-kummenti, l-Aġenzija ddeċidiet
- li tillimita n-numru tas-siġhat tat-tagħlim għal 6 kull ġurnata. Hawnhekk "kull ġurnata" għandha tinftehem bħala "kull 24 siegħa";
 - li tikkonferma li s-siġhat tat-tagħlim għandhom jeskludu kwalunkwe waqfien għall-mistrieħ, ix-xogħol ta' tħejjija, l-eżamijiet, eċċ;
 - li tneħħi l-limitazzjoni għall-"ħin tal-uffiċċju normali" minħabba li jista' jkun possibbli, f'ċerti ċirkustanzi, li t-taħriġ jista' jingħata matul il-lejl jew matul tmien il-ġimgħa.

Dawn huwa wkoll konformi mal-AMC 147.A.200 attwali.

- (26) L-"ASSOĊJAZZJONI TAT-TEKNIXINS TAL-AVJAZZJONI OLANDIŻI (NVLTI)" talbet konferma li matul it-twettiq tat-taħriġ, meta l-kompiti prattiċi jitqiesu kompiti ta' manutenzjoni reali bħal ma huma l-ftuħ u l-għeluq mill-panewijiet, it-tneħħija / l-installazzjoni tal-komponenti eċċ, tali kompiti għandhom iwasslu għall-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Ħruġ għall-Użu (CRS) mill-persunal li jiċċertifika, anki meta jitwettqu taħt is-sorveljanza ta' dawk li jipprovdu taħriġ jew is-superviżuri.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija dwar din il-kwistjoni hija li huwa ċar li dawk li qed jitħarrġu m'għandhomx il-privileġġi tal-persunal li jiċċertifika u għaldaqstant il-persunal li jiċċertifika biss fl-organizzazzjoni tal-manutenzjoni jista' joħroġ is-CRS. Din il-pożizzjoni ssir aktar ovvja fir-rigward tal-kompiti OJT minħabba li dawn dejjem jitwettqu f'ambjent tal-manutenzjoni reali u taħt is-sorveljanza tas-superviżur.

Min-naħa l-oħra, l-EAMTC talbet li l-elementi prattiċi tat-taħriġ li jingħataw mill-organizzazzjonijiet tal-Parti 147 m'għandhom qatt jirriżultaw f'attivitajiet ta' manutenzjoni reali. L-Aġenzija warrbet dan il-kumment minħabba li hemm każijiet fejn tali taħriġ prattiku jirriżulta f'attivitajiet ta' manutenzjoni, pereżempju, meta l-organizzazzjoni tal-Parti-147 tagħti l-attività b'kuntratt lil organizzazzjoni tal-Parti-145 terza. Ċertifikat tal-ħruġ għall-użu jrid jinħareġ minħabba li l-ajrunavigabilità kontinwa tal-inġenju tal-ajru trid tinkiseb mill-ġdid kull meta, pereżempju, komponent jinqala' minn postu jew ikun installat mill-ġdid.

- (27) L-"ASSOĊJAZZJONI TAT-TEKNIXINS TAL-AVJAZZJONI OLANDIŻI (NVLTI)" u persuna indipendenti għamlu kummenti dwar id-definizzjoni, l-irwol u l-kwalifiki tal-assessuri maħtura.

L-Aġenzija rrivediet il-kwistjoni u tejbet il-kliem użat. Barra minn hekk, l-Aġenzija se tiżviluppa materjal AMC biex tipprovdi spjegazzjonijiet aħjar rigward l-irwol u l-kwalifiki tal-assessuri u s-superviżers. Dan se jingħata għall-parti prattika tat-TRT u għall-OJT.

- (28) "KLM ENGINEERING AND MAINTENANCE" stqarret li bil-proposta attwali, dawk l-organizzazzjonijiet tal-Parti-145 li jimpjegaw persunal b'liċenzji maħruġa minn awtoritajiet kompetenti differenti se jkunu jeħtieġu li jkollhom il-programm OJT approvat minn kull waħda minn dawk l-awtoritajiet għall-approvazzjoni tal-ewwel tip għal tip speċifiku. Huma pproponew għażla ġdida għall-OJT minħabba li huma jixtiequ li l-programm OJT ikun approvat mill-awtorità kompetenti inkarigata mis-sorveljanza tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni u li dan il-programm OJT ikun irrikonoxxut mill-Istati Membri kollha.

L-ewwel nett l-Aġenzija tixtieq tinnota li l-OJT huwa meħtieġ biss għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-ewwel tip għal kategorija/sottokategorija speċifika, u mhux għall-approvazzjoni tal-ewwel klassifikazzjoni tat-tip għal tip speċifiku kif imsemmi mill-KLM. Minħabba f'hekk, il-problema tkun applikabbli biss għall-organizzazzjonijiet li jimpjegaw persunal minn Stati Membri differenti, li jkollhom biss liċenzji bażiċi (bla ebda klassifikazzjonijiet approvati). Hemm dubji kemm din hija l-prattika normali.

Barra minn hekk, il-proposta magħmula mill-KLM hija kontra r-rekwiżiti tal-Artikolu 6 għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, li ma jagħtix privileġġi lill-organizzazzjoni tal-manutenzjoni biex ikunu approvati għall-iskop ta' taħriġ. Organizzazzjonijiet tal-Parti-147 biss jista' jkollhom tali privileġġ.

Għalkemm huwa minnu li l-korsijiet jistgħu jkunu approvati direttament mill-awtorità kompetenti nnifisha meta ma jitwettqux minn organizzazzjoni tal-Parti-147, dan suppost li jsir fuq bażi ta' każ b'każ u mhumiex suġġett għal rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri tal-UE. Kors approvat direttament mill-awtorità kompetenti huwa validu biss għall-iskop tal-ħruġ ta' liċenzja għat-tali awtorità.

- (29) "FLIGHT SAFETY INTERNATIONAL" u perusna individwali għamlu żewġ rakkomandazzjonijiet rigward l-eżami tat-taħriġ tat-tip:

- L-ewwel kumment, magħmul mill-"FLIGHT SAFETY INTERNATIONAL", jikkontesta l-ħtieġa li n-numru tal-mistoqsijiet ikun multiplu ta' 4 u jissuġġerixxi li dan ir-rekwiżit jinbidel bid-dħul ta' projbizzjoni li l-marki jiġu rranġati billi jizjeddu għan-numru sħiħ li jmiss.

L-Aġenzija tinnota li din il-proposta ma ssolvix il-problema attwali. Jekk in-numru tal-mistoqsijiet ma jkunx multiplu ta' 4, ikun meħtieġ li wieħed jikseb marka li tkun aktar minn 75% biex wieħed jgħaddi, li tikkontradixxi r-regola. Diġà saru kawżi fil-Qorti dwar dan is-suġġett.

Bħala konsegwenza, l-Aġenzija żżomm ir-rekwiżiti li n-numru tal-mistoqsijiet ikun multiplu ta' 4, mhux biss fl-Appendiċi III għall-Parti-66 għall-istandard tat-taħriġ tat-tip imma wkoll fl-Appendiċi II għall-Parti-66 għall-istandard tal-eżami bażiku.

- It-tieni kumment, magħmul minn persuna individwali, jissuġġerixxi d-dħul, fl-Appendiċi III għall-Parti-66, tan-numru tal-mistoqsijiet meħtieġa għal kull kapitolu.

Din il-proposta twarrbet mill-Aġenzija minħabba li n-numru tal-mistoqsijiet jiddependi fuq is-siġhat tat-taħriġ użati għal kull kapitolu, li jirriżultaw mill-obiettivi tat-tagħlim korrispondenti u l-Analiżi tal-ħtiġijiet tat-Taħriġ, u huma speċifiċi għal kull tip ta' inġenju tal-ajru.

- (30) "AIRBUS SAS", "FLIGHT SAFETY INTERNATIONAL" u l-EAMTC ikkumentaw li mhuwiex ċar f'liema każijiet l-Analiżi tal-ħtiġijiet tat-Taħriġ huwa mandatorju u f'liema każijiet mhuwiex mandatorju.

L-Aġenzija għamlitha ċara fil-paragrafu 2.1(d) tal-Appendiċi III għall-Parti-66 li l-Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ huwa dejjem meħtieġ. L-uniċi eċċezzjonijiet huma deskritti fl-Artikolu 7.9(f). Minħabba f'hekk, m'hemmx ħtieġa li jkun prodott Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ (TNA) għall-korsijiet approvati qabel 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda, jekk it-tul taż-żmien tagħhom huwa diġà akbar mit-tul taż-żmien minimu deskritt fl-Appendiċi III għall-parti-66.

- (31) "AIRBUS SAS" għamlet kumment relatat mal-AMC 66.A.45(k) u l-AMC 66.B.115, fejn l-Aġenzija tiddikjara li l-konnessjoni bejn is-sistemi tal-magna/tal-qafas tal-inġenju tal-ajru jridu jkunu indirizzati minn taħriġ tat-tip tal-qafas tal-inġenju tal-ajru jew minn taħriġ tal-impjant tal-enerġija.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li dan jiddependi mit-tip/kategorija tal-inġenju tal-ajru. F'xi każijiet, pereżempju fl-Avjazzjoni Ġenerali, jista' jkun aktar raġonevoli li dik il-konnessjoni tkun koperta matul il-kors tal-qafas tal-inġenju tal-ajru minħabba l-varjetà kbira ta' inġenji tal-ajru li jista' jkollhom l-istess tip ta' magna installata.

- (32) "AIR FRANCE" għamlet kumment relatat mal-Paragrafu 3(j) fl-Appendiċi III għall-Parti-66. Fl-opinjoni tagħha, għandu jkun hemm AMC li tistabbilixxi, għal eżami tal-livell 3, il-perċentwal tal-mistoqsijiet li għandhom ikunu tal-livell 1, tal-livell 2 u tal-livell 3.

L-Aġenzija ma tħossx li għandha tkun daqstant preskrittiva. Madankolu, il-paragrafu 3(j) fl-Appendiċi III kien eliminat u l-paragrafi 3(d) u 3(f) kienu mmodifikati biex tiċċara li:

- L-użu ta' numru limitat ta' mistoqsijiet f'livell aktar baxx huwa aċċettabli.
- L-awtorità kompetenti se tevalwa n-numru u l-livell tal-mistoqsijiet meta tapprova l-kors.

- (33) L-EAMTC ikkumentat li l-MPD, l-SRM, l-RVSM u temi oħra m'għandhomx ikunu parti mill-AMC 66.A.45(k)(1) u (k)(2) u m'għandhomx jitqiesu meta jkun żviluppat il-kontenut teoretiku ta' kors ta' taħriġ tat-tip. Hija ġġustifikat dan billi stqarret li dawn it-temi m'humiex speċifiċi għal tip wieħed ta' inġenju tal-ajru.

L-Aġenzija ma taqbilx mal-proposta minħabba li tip ta' inġenju tal-ajru partikolari jista' jkollu tiswijiet speċifiċi ħafna inklużi fl-SRM (inklużi l-azzjonijiet tal-manutenzjoni li jirriżultaw mir-rekwiżiti RSVM) li jista' jkun li jridu jitqiesu meta jkun żviluppat il-kontenut tal-kors.

- (34) "EAT-DHL TECHNICAL TRAINING DEPARTMENT" tat parir li jkun immodifikat il-paragrafu 147.A.100(f) biex in-numru massimu ta' studenti għal kull superviżur jitnaqqas minn 15 għal 7 meta jkunu qed jagħmlu taħriġ prattiku fi kwalunkwe kors ta' taħriġ.

L-Aġenzija ma tistax taċċetta din il-proposta minħabba li dan il-paragrafu ma kienx parti mid-diskussjonijiet tal-grupp tax-xogħol u ma kienx parti mill-konsultazzjonijiet esterni li twettqu. Minħabba f'hekk, din il-proposta tista' tkun indirizzata biss permezz ta' azzjoni ta' regolamentazzjoni fil-ġejjieni.